Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2024/0061(COD)

31.3.2025

EMENDI
1209 - 1477

Abbozz ta' rapport
Raphaël Glucksmann, François-Xavier Bellamy
(PE771.828v01-00)

Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża ("EDIP")

Proposta għal regolament
(COM(2024)0150 – C9-0056/2024 – 2024/0061(COD))

Emenda 1209
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1210
Adam Bielan
f'isem il-Grupp ECR
Rihards Kols, Michał Dworczyk, Daniel Obajtek, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn l-artikoli tneħħew matul il-ħidma fuq ir-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon minħabba l-kontroversja li ħolqu u n-nuqqas ta' ħin biex issir ħidma fil-fond fuqhom. Bħalissa ninsabu fl-istess sitwazzjoni ta' urġenza. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jirrappreżentaw intervent estensiv fil-prerogattivi nazzjonali u fil-funzjonament tas-suq tad-difiża Ewropew - l-ebda waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet ma ġiet soġġetta għal proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt (għalkemm l-istruttura tas-sigurtà tal-provvista ġiet oriġinarjament proposta mill-Kummissjoni fl-2023).

Emenda 1211
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1212
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni tista' titlob li l-impriżi rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni ***tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, li ma jkunux*** prodotti ***tad-difiża***, bi qbil minn qabel mal-Istat Membru li fih tkun stabbilita, biex jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju attwali tagħhom f'limitu ta' żmien stabbilit. L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.	1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni ***f'ħidma flimkien mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża*** tista' titlob li l-impriżi rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni ***ta'*** prodotti ***rilevanti għall-kriżijiet***, bi qbil minn qabel mal-Istat Membru li fih tkun stabbilita, biex jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju attwali tagħhom f'limitu ta' żmien stabbilit. L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri. ***Il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tħejji t-talba għal informazzjoni f'kooperazzjoni mal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża. L-informazzjoni miġbura għandha titqies bħala klassifikata.***

Or. en

Emenda 1213

András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni tista' titlob li l-impriżi rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, li ma jkunux prodotti tad-difiża, bi qbil minn qabel mal-Istat Membru li fih tkun stabbilita, biex jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju attwali tagħhom f'limitu ta' żmien stabbilit. L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.	1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni tista' titlob li l-impriżi rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, li ma jkunux prodotti tad-difiża, bi qbil minn qabel mal-Istat Membru li fih tkun stabbilita, biex jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju attwali tagħhom f'limitu ta' żmien stabbilit. ***Il-Kummissjoni għandha tittratta din l-informazzjoni filwaqt li taderixxi mal-miżuri ta' kunfidenzjalità l-aktar stretti biex tiżgura li din l-informazzjoni, li hija kritika għas-settur tad-difiża Ewropew, ma tispiċċax tintuża b'mod mhux awtorizzat.*** L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1214
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni tista' titlob li l-impriżi rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, li ma jkunux prodotti tad-difiża***, bi qbil minn qabel mal-Istat Membru li fih tkun stabbilita,*** biex jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju attwali tagħhom f'limitu ta' żmien stabbilit. L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.	1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni tista' titlob li l-impriżi rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, li ma jkunux prodotti tad-difiża biex jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju attwali tagħhom f'limitu ta' żmien stabbilit. L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1215
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni tista' titlob ***li l-impriżi*** rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, ***li ma jkunux prodotti tad-difiża, bi qbil minn qabel mal-Istat Membru li fih tkun stabbilita, biex jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju attwali tagħhom***	1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni tista' titlob ***lill-Istati Membri volontarji jipprovdu informazzjoni dwar l-abbiltajiet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju kurrenti tal-impriżi*** rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, ***stabbilita fuq it-territorju tagħhom***. L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li

f'limitu ta' żmien stabbilit. L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.

huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1216
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni tista' titlob li l-impriżi rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet***, li ma jkunux prodotti tad-difiża***, bi qbil minn qabel mal-Istat Membru li fih tkun stabbilita, biex jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju attwali tagħhom f'limitu ta' żmien stabbilit. L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-	1. Meta l-istat ta' kriżi fil-provvista jiġi attivat skont l-Artikolu 44, il-Kummissjoni tista' titlob li l-impriżi rilevanti li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, bi qbil minn qabel mal-Istat Membru li fih tkun stabbilita, biex jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet tal-produzzjoni u t-tfixkil primarju attwali tagħhom f'limitu ta' żmien stabbilit. L-informazzjoni mitluba għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi vvalutata n-natura tal-kriżi tal-provvista jew biex jiġu identifikati u vvalutati miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni jew ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. It-talbiet għall-informazzjoni ma għandhomx jinvolvu l-forniment ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.

Istati Membri.

Or. en

Emenda 1217
Nathalie Loiseau, Ivars Ijabs, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Bart Groothuis, Marjan Šarec, Christophe Grudler, Lucia Yar, Michał Kobosko, Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sabiex jiġi żgurat li l-vulnerabbiltà identifikata ma tiġix enfasizzata, jew li l-manifatturi ma jkunux esposti għall-kompetituri tagħhom bla bżonn, kif ukoll biex tiġi protetta informazzjoni strateġika u kummerċjali, kemm jekk fil-pussess tagħhom jew fdata lilhom, l-atturi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet tas-sigurtà tad-difiża tal-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom u jistgħu jiddeċiedu li jikklassifikaw l-informazzjoni li jittrażmettu lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 1218
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma tniedi talba għal informazzjoni, il-Kummissjoni tista' twettaq konsultazzjoni volontarja ta' għadd rappreżentattiv ta' impriżi rilevanti bil-ħsieb li tidentifika l-kontenut xieraq u proporzjonat ta' tali talba. Il-Kummissjoni għandha tħejji t-talba għal informazzjoni f'kooperazzjoni mal-Bord tat-Tħejjija	***imħassar***

Industrijali għad-Difiża.

Or. en

Emenda 1219
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma tniedi talba għal informazzjoni, il-Kummissjoni tista' twettaq konsultazzjoni volontarja ***ta' għadd rappreżentattiv ta' impriżi rilevanti*** bil-ħsieb li tidentifika l-kontenut xieraq u proporzjonat ta' tali talba. ***Il-Kummissjoni għandha tħejji t-talba għal informazzjoni f'kooperazzjoni mal-Bord tat-Thejjija Industrijali għad-Difiża.***	2. Qabel ma tniedi talba għal informazzjoni, il-Kummissjoni tista' twettaq konsultazzjoni volontarja ***tal-Istati Membri*** bil-ħsieb li tidentifika l-kontenut xieraq u proporzjonat ta' tali talba.

Or. en

Emenda 1220
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tuża mezzi siguri biex tniedi t-talba għall-informazzjoni u tittratta kwalunkwe informazzjoni miksuba f'konformità mal-Artikolu 61. ***Għal dan l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista ta' kuntatti stabbilita skont l-Artikolu 41(5).***	3. Il-Kummissjoni għandha tuża mezzi siguri biex tniedi t-talba għall-informazzjoni u tittratta kwalunkwe informazzjoni miksuba f'konformità mal-Artikolu 61.

Or. en

Emenda 1221
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien żejjed tibgħat kopja tat-talba għal informazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab is-sit tal-produzzjoni tal-impriża indirizzata. Jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti titlob dan, il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni miksuba mill-impriża rilevanti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1222
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien żejjed tibgħat kopja tat-talba għal informazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab is-sit tal-produzzjoni tal-impriża indirizzata. ***Jekk l-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***titlob dan, il-Kummissjoni għandha tibgħat*** l-informazzjoni miksuba mill-impriża rilevanti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.	4. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien żejjed tibgħat kopja tat-talba għal informazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab is-sit tal-produzzjoni tal-impriża indirizzata. ***Il-Kummissjoni għandha wkoll tibgħat lill-awtorità*** nazzjonali kompetenti ***tal-Istat Membru li jinsab fit-territorju tiegħu s-sit ta' produzzjoni tal-impriża indirizzata*** l-informazzjoni miksuba mill-impriża rilevanti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1223
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien żejjed tibgħat kopja tat-talba għal informazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab is-sit tal-produzzjoni tal-impriża indirizzata. ***Jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti titlob dan,*** il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni miksuba mill-impriża rilevanti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.	4. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien żejjed tibgħat kopja tat-talba għal informazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab is-sit tal-produzzjoni tal-impriża indirizzata. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni miksuba mill-impriża rilevanti ***lill-awtorità nazzjonali kompetenti u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża*** f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1224
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. It-talba għall-informazzjoni għandha tiddikjara l-bażi legali tagħha, tkun limitata għall-minimu meħtieġ u tkun proporzjonata mil-lat tal-granularità u l-volum tad-data u l-frekwenza tal-aċċess għad-data mitluba, ***tqis l-għanijiet leġittimi tal-impriża u l-kost u l-isforz meħtieġa biex id-data ssir disponibbli,*** u tistabbilixxi l-limitu ta' żmien li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni. ***Għandha tindika wkoll il-penali previsti fl-Artikolu 55.***	5. It-talba għall-informazzjoni għandha tiddikjara l-bażi legali tagħha, tkun limitata għall-minimu meħtieġ u tkun proporzjonata mil-lat tal-granularità u l-volum tad-data u l-frekwenza tal-aċċess għad-data mitluba, u tistabbilixxi l-limitu ta' żmien li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni.

Or. en

Emenda 1225
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. It-talba għall-informazzjoni għandha tiddikjara l-bażi legali tagħha, tkun limitata għall-minimu meħtieġ u tkun proporzjonata mil-lat tal-granularità u l-volum tad-data u l-frekwenza tal-aċċess għad-data mitluba, tqis l-għanijiet leġittimi tal-impriża u l-kost u l-isforz meħtieġa biex id-data ssir disponibbli, u tistabbilixxi l-limitu ta' żmien li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni. Għandha tindika wkoll ***il-penali*** previsti fl-Artikolu 55.	5. It-talba għall-informazzjoni għandha tiddikjara l-bażi legali tagħha, tkun limitata għall-minimu meħtieġ u tkun proporzjonata mil-lat tal-granularità u l-volum tad-data u l-frekwenza tal-aċċess għad-data mitluba, tqis l-għanijiet leġittimi tal-impriża u l-kost u l-isforz meħtieġa biex id-data ssir disponibbli, u tistabbilixxi l-limitu ta' żmien li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni. Għandha tindika wkoll ***il-miżuri korrettivi*** previsti fl-Artikolu 55.

Or. en

Emenda 1226
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-kostijiet li jirriżultaw mit-talba għal informazzjoni għall-impriża kkonċernata għandhom jiġu kkumpensati.

Or. en

Emenda 1227
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Is-sidien tal-impriżi jew ir-rappreżentanti tagħhom u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi jew assoċjazzjonijiet li ma jkollhom l-ebda personalità ġuridika, il-persuni awtorizzati biex jirrappreżentawhom bil-liġi jew skont il-kostituzzjoni tagħhom għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba f'isem l-impriża jew l-assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1228
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Jekk impriża stabbilita fl-Unjoni tkun soġġetta għal talba għal informazzjoni minn pajjiż terz, relatata mal-attivitajiet tagħha għall-katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, din għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien xieraq, b'tali mod li tippermetti lill-Kummissjoni titlob informazzjoni simili mill-impriża. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża bl-eżistenza ta' tali talba minn pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1229
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Jekk impriża stabbilita fl-Unjoni tkun soġġetta għal talba għal informazzjoni minn pajjiż terz, relatata mal-attivitajiet tagħha għall-katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, din għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien xieraq, b'tali mod li tippermetti lill-Kummissjoni titlob informazzjoni simili mill-impriża. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża bl-eżistenza ta' tali talba minn pajjiż terz.	7. Jekk impriża stabbilita fl-Unjoni tkun soġġetta għal talba għal informazzjoni minn pajjiż terz, relatata mal-attivitajiet tagħha għall-katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, din għandha tinforma ***lill-Istat Membru li hija stabbilita fih l-impriża u*** lill-Kummissjoni fi żmien xieraq, b'tali mod li tippermetti lill-Kummissjoni titlob informazzjoni simili mill-impriża. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża bl-eżistenza ta' tali talba minn pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1230
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk impriża tipprovdi informazzjoni skorretta, mhux kompluta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont dan l-Artikolu, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt, din għandha tkun soġġetta għal multi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 55, ħlief meta l-impriża jkollha raġunijiet suffiċjenti biex ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1231
Christian Ehler, Angelika Niebler, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk impriża tipprovdi informazzjoni skorretta, mhux kompluta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont dan l-Artikolu, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt, din għandha tkun soġġetta għal multi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 55, ħlief meta l-impriża jkollha raġunijiet suffiċjenti biex ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba.	8. Jekk impriża tipprovdi informazzjoni skorretta, mhux kompluta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont dan l-Artikolu, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt, din għandha tkun soġġetta għal multi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 55, ħlief meta l-impriża jkollha raġunijiet suffiċjenti biex ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba. ***Għandu jitqies li jeżistu biżżejjed raġunijiet meta l-ipproċessar tat-talba għal informazzjoni minn operatur ekonomiku għandu l-potenzjal li jfixkel b'mod sinifikanti l-operazzjonijiet tagħha jew meta l-informazzjoni hija kklassifikata u mmarkata għal użu nazzjonali biss jew li d-divulgazzjoni tagħha tagħmel ħsara sinifikanti lill-attività kummerċjali tagħha.***

Or. en

Emenda 1232
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk impriża tipprovdi informazzjoni skorretta, mhux kompluta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont dan l-Artikolu, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt, ***din għandha tkun soġġetta għal multi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 55***, ħlief meta l-impriża jkollha raġunijiet suffiċjenti biex ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba.	8. Jekk impriża tipprovdi informazzjoni skorretta, mhux kompluta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont dan l-Artikolu, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt, ***il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru fejn hija stabbilita l-impriża biex tikseb informazzjoni mingħand l-impriża kkonċernata u, meta jkun xieraq tieħu miżuri adegwati biex tiżgura l-konformità***, ħlief meta l-impriża jkollha raġunijiet suffiċjenti biex ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba. ***Meta Stat Membru jonqos milli jiżgura l-***

konformità tal-impriża kkonċernata f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-impriża għandha tkun soġġetta għal miżuri korrettivi skont l-Artikolu 55.

Or. en

Emenda 1233
Adam Bielan
f'isem il-Grupp ECR
Rihards Kols, Michał Dworczyk, Daniel Obajtek, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn l-artikoli tneħħew matul il-ħidma fuq ir-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon minħabba l-kontroversja li ħolqu u n-nuqqas ta' ħin biex issir ħidma fil-fond fuqhom. Bħalissa ninsabu fl-istess sitwazzjoni ta' urġenza. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jirrappreżentaw intervent estensiv fil-prerogattivi nazzjonali u fil-funzjonament tas-suq tad-difiża Ewropew - l-ebda waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet ma ġiet soġġetta għal proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt (għalkemm l-istruttura tas-sigurtà tal-provvista ġiet oriġinarjament proposta mill-Kummissjoni fl-2023).

Emenda 1234
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1235
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1236
Christophe Gomart, Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1237
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità	***Prijoritizzazzjoni ta' prodotti mhux tad-difiża***

Or. en

Emenda 1238
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità	Ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità ***tal-kriżi tal-provvista***

Or. en

Emenda 1239
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità	***Prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet***

Or. en

Emenda 1240
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-istat ta' kriżi jiġi attivat skont l-Artikolu 44, Stat Membru li jiffaċċja jew jista' jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid ta' ordni jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista tal-prodotti ewlenin tad-difiża minħabba nuqqasijiet jew riskji serji ta' nuqqasijiet tul xi katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, dan jista' jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-impriża taċċetta, jew tipprijoritizza l-ordni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, li mhumiex prodotti tad-difiża ("ordni klassifikata bħala prijorità").	***imħassar***

Or. en

Emenda 1241
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-istat ta' kriżi jiġi attivat skont l-Artikolu 44, Stat Membru li jiffaċċja jew jista' jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid ta' ordni jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista tal-prodotti ewlenin tad-difiża minħabba nuqqasijiet jew riskji serji ta' nuqqasijiet tul xi katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, dan jista' ***jitlob*** lill-Kummissjoni ***tirrikjedi li l-impriża taċċetta, jew tipprijoritizza l-ordni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, li mhumiex prodotti tad-difiża ("ordni klassifikata bħala prijorità")***.	1. Meta l-istat ta' kriżi jiġi attivat skont l-Artikolu 44, Stat Membru li jiffaċċja jew jista' jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid ta' ordni jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista tal-prodotti ewlenin tad-difiża minħabba nuqqasijiet jew riskji serji ta' nuqqasijiet tul xi katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, dan jista' ***jinforma*** lill-Kummissjoni ***dwar dawn id-diffikultajiet***.

Or. en

Emenda 1242
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-istat ta' kriżi jiġi attivat skont l-Artikolu 44, Stat Membru li jiffaċċja jew jista' jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid ta' ordni jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista tal-prodotti ***ewlenin tad-difiża*** minħabba nuqqasijiet jew riskji serji ta' nuqqasijiet tul xi katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, dan jista' jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-impriża taċċetta, jew tipprijoritizza l-ordni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet, li mhumiex	1. Meta l-istat ta' kriżi jiġi attivat skont l-Artikolu 44, Stat Membru li jiffaċċja jew jista' jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid ta' ordni jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista tal-prodotti ***rilevanti għall-kriżijiet*** minħabba nuqqasijiet jew riskji serji ta' nuqqasijiet tul xi katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, dan jista' jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-impriża ***stabbilita fit-territorju tiegħu*** taċċetta, jew tipprijoritizza l-ordni tal-prodotti rilevanti

prodotti tad-difiża (“***ordni klassifikata bħala prijorità***”).

għall-kriżijiet, li mhumiex prodotti tad-difiża (“***prijoritizzazzjoni ta’ prodotti mhux tad-difiża***”).

Or. en

Emenda 1243
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-istat ta’ kriżi jiġi attivat skont l-Artikolu 44, Stat Membru li jiffaċċja jew jista’ jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid ta’ ordni jew fl-eżekuzzjoni ta’ kuntratt għall-provvista tal-prodotti ewlenin tad-difiża minħabba nuqqasijiet jew riskji serji ta’ nuqqasijiet tul xi katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, dan jista’ jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-impriża taċċetta, jew tipprijoritizza l-ordni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet***, li mhumiex prodotti tad-difiża*** (“ordni klassifikata bħala prijorità”).	1. Meta l-istat ta’ kriżi jiġi attivat skont l-Artikolu 44, Stat Membru li jiffaċċja jew jista’ jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid ta’ ordni jew fl-eżekuzzjoni ta’ kuntratt għall-provvista tal-prodotti ewlenin tad-difiża minħabba nuqqasijiet jew riskji serji ta’ nuqqasijiet tul xi katina kritika tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni, dan jista’ jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-impriża taċċetta, jew tipprijoritizza l-ordni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet (“ordni klassifikata bħala prijorità”).

Or. en

Emenda 1244
Christian Ehler, Angelika Niebler, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1 u wara ***konsultazzjoni mal-Istat*** Membru fejn ***tkun stabbilita l-impriża*** kkonċernata***, u bi qbil miegħu***, il-Kummissjoni tista’ tinnotifika lill-impriża kkonċernata bl-	2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1 u wara ***li tirċievi ftehim minn qabel tal-Istat*** Membru fejn ***ikunu stabbiliti l-kwartieri ġenerali tal-impriża*** kkonċernata ***kif ukoll l-Istat Membru li s-sit tal-***

intenzjoni tagħha li timponi ordni kklassifikata bħala prijorità.	***produzzjoni tal-operatur ikkonċernat jinsab fit-territorju tiegħu***, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-impriża kkonċernata bl-intenzjoni tagħha li timponi ordni kklassifikata bħala prijorità.

Or. en

Emenda 1245
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1 ***u wara konsultazzjoni mal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata, u bi qbil miegħu***, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-impriża kkonċernata bl-intenzjoni tagħha li timponi ***ordni kklassifikata bħala prijorità***.	2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-impriża kkonċernata bl-intenzjoni tagħha li timponi ***prijoritizzazzjoni ta' prodotti mhux tad-difiża***.

Or. en

Emenda 1246
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba ***msemmija fil-paragrafu 1*** u wara konsultazzjoni mal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata, u bi qbil miegħu, il-Kummissjoni tista' ***tinnotifika lill-impriża*** kkonċernata ***bl-intenzjoni tagħha li timponi ordni kklassifikata bħala prijorità***.	2. Fuq talba ***tal-Istat Membru ta' akkwist*** u wara konsultazzjoni mal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata, u bi qbil miegħu, il-Kummissjoni tista' ***tniedi inkjesta mal-impriża*** kkonċernata ***biex tidentifika r-raġunijiet speċifiċi għad-diffikultajiet***.

Or. en

Emenda 1247
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1 u wara ***konsultazzjoni mal-Istat*** Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata, u bi qbil miegħu, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-impriża kkonċernata bl-intenzjoni tagħha li timponi ordni kklassifikata bħala prijorità.	2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1 u wara ***l-awtorizzazzjoni tal-Istat*** Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata, u bi qbil miegħu, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-impriża kkonċernata bl-intenzjoni tagħha li timponi ordni kklassifikata bħala prijorità.

Or. en

Emenda 1248
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1 u wara konsultazzjoni mal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata***,*** ***u bi qbil miegħu***, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-impriża kkonċernata bl-intenzjoni tagħha li timponi ordni kklassifikata bħala prijorità.	2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1 u wara konsultazzjoni mal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-impriża kkonċernata bl-intenzjoni tagħha li timponi ordni kklassifikata bħala prijorità.

Or. en

Emenda 1249
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. ***In-notifika*** msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi informazzjoni dwar ***il-bażi legali għat-talba, tispeċifika l-prodott***, l-ispeċifikazzjonijiet u l-kwantitajiet ikkonċernati kif ukoll ***l-iskeda u l-limitu ta' żmien li fihom ikollha titwettaq l-ordni, u tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-użu tal-ordni kklassifikata bħala prijorità***.	3. ***L-inkjesta*** msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi ***talba għal*** informazzjoni dwar ***il-prodott***, l-ispeċifikazzjonijiet u l-kwantitajiet ikkonċernati ***tiegħu*** kif ukoll ***informazzjoni dwar ir-raġunijiet għad-diffikultajiet, bħal nuqqasijiet fil-provvista ta' komponenti jew materja prima***.
	Or. en

Emenda 1250
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Min-notifika msemmija fil-paragrafu 2, l-impriża għandha twieġeb lill-Kummissjoni fi żmien 5 ijiem ta' xogħol u tiddikjara jekk tistax taċċetta l-ordni jew le.*** Meta ***l-urġenza tas-sitwazzjoni tirrikjedi dan,*** il-Kummissjoni ***tista'***, abbażi ***ta' ġustifikazzjoni ta' tali urġenza, tnaqqas l-iskadenza għat-tweġiba tal-impriża***.	4. ***F'każijiet li fihom jirriżultaw diffikultajiet minn nuqqasijiet fil-provvista ta' komponenti jew materja prima,*** il-Kummissjoni, ***f'ħidma flimkien mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha,*** abbażi ***tar-riżultati tal-immappjar skont l-Artikolu 40, tidentifika fornituri alternattivi possibbli ġewwa l-UE u fil-pajjiżi assoċjati u tassisti lill-impriża kkonċernata biex tistabbilixxi kuntatt***. ***Jekk l-ebda fornitur alternattiv mhuwa identifikabbli jew disponibbli fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat, il-Kummissjoni, f'ħidma flimkien mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tidentifika fornituri f'pajjiżi terzi, li fejn jidħlu l-komponenti, tipprovdihom mingħajr restrizzjonijiet, u tassisti biex jiġi stabbilit kuntatt. F'każijiet li fihom l-impriża hija SME jew mid-cap żgħira, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tassisti fix-xiri tal-komponenti jew materja prima meħtieġa.***
	Or. en

Emenda 1251
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Min-notifika msemmija fil-paragrafu 2, l-impriża għandha twieġeb lill-Kummissjoni ***fi żmien 5 ijiem ta' xogħol*** u tiddikjara jekk tistax taċċetta l-ordni jew le. ***Meta l-urġenza tas-sitwazzjoni tirrikjedi dan, il-Kummissjoni tista', abbażi ta' ġustifikazzjoni ta' tali urġenza, tnaqqas l-iskadenza għat-tweġiba tal-impriża.***	4. Min-notifika msemmija fil-paragrafu 2, l-impriża għandha twieġeb lill-Kummissjoni ***b'dewmien raġonevoli,*** u tiddikjara jekk tistax taċċetta l-ordni jew le.

Or. en

Emenda 1252
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Meta*** l-impriża ***tirrifjuta l-ordni klassifikata bħala prijorità, hija għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'ġustifikazzjoni dettaljata għal dan***.	5. ***F'każijiet li fihom jinħolqu d-diffikultajiet mill-użu sħiħ tal-kapaċità tal-impriża kkonċernata li jirriżultaw minn ordnijiet minn barra l-UE jew pajjiżi assoċjati, il-Kummissjoni flimkien mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru xerrej u tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża għandhom jaħdmu mal-impriża u, jekk ikun hemm qbil mill-impriża, mal-klijent tagħha sabiex jintlaħaq ftehim aċċettabbli b'mod reċiproku għal prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-ftehim għall-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet għandhom jiġu koperti mill-pakkett finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 5.***

Or. en

Emenda 1253
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Meta l-impriża taċċetta l-ordni klassifikata bħala prijorità, l-ordni għandha titqies aċċettata skont il-kundizzjonijiet deskritti fl-ordni tal-Kummissjoni f'konformità mat-tifsira tal-paragrafu 1 u l-impriża*** għandha ***tkun marbuta legalment***.	6. ***F'każijiet li fihom id-diffikultajiet jirriżultaw mill-użu sħiħ tal-kapaċità tal-impriża kkonċernata li jirriżultaw minn ordnijiet minn Stat Membru, il-Kummissjoni*** għandha ***taħdem mal-Istat Membru li jkun għamel l-ordni, l-Istat Membru xerrej u l-Istat Membru li fih hija stabbilita l-impriża biex jinstab ftehim aċċettabbli b'mod reċiproku għal distribuzzjoni tal-prodott filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1254
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta l-impriża nnotifikata tirrifjuta l-ordni kklassifikata bħala prijorità, din għandha titqies li ġiet miċħuda. Wara li tqis kif xieraq il-ġustifikazzjonijiet invokati mill-impriża, il-Kummissjoni tista':	7. Meta l-impriża nnotifikata tirrifjuta l-ordni kklassifikata bħala prijorità, din għandha titqies li ġiet miċħuda. Wara li tqis kif xieraq il-ġustifikazzjonijiet invokati mill-impriża, ***u tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-Unjoni, l-Istati Membri u ċ-ċittadini tal-Unjoni,*** il-Kummissjoni tista':

Or. en

Emenda 1255
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta l-impriża ***nnotifikata tirrifjuta l-ordni kklassifikata bħala prijorità, din għandha titqies li ġiet miċħuda. Wara li tqis kif xieraq il-ġustifikazzjonijiet invokati mill-impriża, il-Kummissjoni tista':***	7. Meta l-impriża ***tirrifjuta li taħdem mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru xerrej u tal-Istat Membru li fih l-impriża hija stabbilita jew tirrifjuta li teżegwixxi l-ftehim li ntlaħaq, din għandha tkun soġġetta għal miżuri korrettivi skont l-Artikolu 55.***

Or. en

Emenda 1256
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tastjeni milli tkompli bl-ordni tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1257
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 7– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tobbliga, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lill-impriżi kkonċernati jaċċettaw jew iwettqu l-ordni kklassifikata bħala prijorità, bi prezz ġust u raġonevoli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1258
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 7– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tobbliga, ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni***, lill-impriżi kkonċernati jaċċettaw jew iwettqu l-ordni kklassifikata bħala prijorità, bi prezz ġust u raġonevoli.	(b) tobbliga, ***wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti***, lill-impriżi kkonċernati jaċċettaw jew iwettqu l-ordni kklassifikata bħala prijorità, bi prezz ġust u raġonevoli.

Or. en

Emenda 1259
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha tqis l-oġġezzjonijiet imqajma mill-impriża skont il-paragrafu 7 u tiddikjara r-raġunijiet għaliex, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u mad-drittijiet fundamentali tal-impriża skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, kien meħtieġ li fid-dawl taċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 1, jiġi adottat l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 7, il-punt (b).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1260
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fl-Att ta' Implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 7, il-punt (b), il-Kummissjoni għandha tiddikjara l-bażi legali tal-ordni kklassifikata bħala prijorità, tiffissa l-limitu ta' żmien li fih għandha titwettaq l-ordni, u tistabbilixxi l-prodott, l-ispeċifikazzjonijiet, il-volum u kwalunkwe parametru ieħor li għandu jkun hemm konformità miegħu. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara wkoll il-penali previsti fl-Artikolu 55 għan-nonkonformità mal-obbligu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1261
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Meta l-impriża tkun aċċettat l-ordni kklassifikata bħala prijorità tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 6 jew meta l-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 7(b), l-ordni kklassifikata bħala prijorità għandha:	***imħassar***
(a) titqiegħed bi prezz ġust u raġonevoli, filwaqt li jitqiesu b'mod adegwat il-kostijiet tal-opportunità tal-operatur ekonomiku meta jissodisfa l-ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità fir-rigward tal-obbligi kuntrattwali eżistenti;	
(b) tieħu preċedenza fuq kwalunkwe obbligu ta' prestazzjoni fil-qafas tad-dritt privat jew pubbliku bl-eċċezzjoni ta' dawn relatati direttament mal-ordnijiet militari.	

Or. en

Emenda 1262
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 10 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) titqiegħed bi prezz ġust u raġonevoli, filwaqt li jitqiesu b'mod adegwat il-kostijiet tal-opportunità tal-operatur ekonomiku meta jissodisfa l-ordnijiet ikklassifikati bħala prijorità fir-rigward tal-obbligi kuntrattwali eżistenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1263
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 10 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tieħu preċedenza fuq kwalunkwe obbligu ta' prestazzjoni fil-qafas tad-dritt privat jew pubbliku bl-eċċezzjoni ta' dawn relatati direttament mal-ordnijiet militari.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1264
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 10 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tieħu preċedenza fuq kwalunkwe obbligu ta' prestazzjoni fil-qafas tad-dritt	(b) ***l-impriża għandha tiġi kkumpensata kif xieraq meta*** tieħu

privat jew pubbliku bl-eċċezzjoni ta' dawn relatati direttament mal-ordnijiet militari.	preċedenza fuq kwalunkwe obbligu ta' prestazzjoni fil-qafas tad-dritt privat jew pubbliku bl-eċċezzjoni ta' dawn relatati direttament mal-ordnijiet militari.

Or. en

Emenda 1265
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Kwalunkwe kunflitt bejn ordni klassifikata bħala prijorità u miżura skont kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' prijoritizzazzjoni tal-Unjoni għandu jiġi solvut mill-Kummissjoni, filwaqt li jiġi mwieżen l-interess pubbliku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1266
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Kwalunkwe kunflitt bejn ordni klassifikata bħala prijorità u miżura skont kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' prijoritizzazzjoni tal-Unjoni għandu jiġi solvut mill-Kummissjoni, filwaqt li jiġi mwieżen l-interess pubbliku.	11. Kwalunkwe kunflitt bejn ordni klassifikata bħala prijorità u miżura skont kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' prijoritizzazzjoni tal-Unjoni għandu jiġi solvut mill-Kummissjoni, filwaqt li jiġi mwieżen l-interess pubbliku ***u b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill***.

Or. en

Emenda 1267
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Meta l-impriża tkun qablet mal-ordni tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 6 jew meta l-Kummissjoni tkun adottat Att ta' Implimentazzjoni skont il-paragrafu 7(b), l-impriża tista' titlob li l-Kummissjoni tirrieżamina l-ordni kklassifikata bħala prijorità meta tqis li huwa ġġustifikat kif xieraq abbażi ta' waħda mir-raġunijiet li ġejjin:	***imħassar***
(a) l-impriża ma tkunx tista' twettaq l-ordni kklassifikata bħala prijorità minħabba nuqqas ta' ħila tal-produzzjoni jew ta' kapaċità tal-produzzjoni, anke jekk l-ordni tingħata trattament preferenzjali;	
(b) l-aċċettazzjoni tal-ordni tpoġġi piż ekonomiku mhux raġonevoli u tinvolvi diffikultajiet partikolari għall-impriża.	

Or. en

Emenda 1268
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 12 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impriża ma tkunx tista' twettaq l-ordni kklassifikata bħala prijorità minħabba nuqqas ta' ħila tal-produzzjoni jew ta' kapaċità tal-produzzjoni, anke jekk l-ordni tingħata trattament preferenzjali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1269
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 12 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-aċċettazzjoni tal-ordni tpoġġi piż ekonomiku mhux raġonevoli u tinvolvi diffikultajiet partikolari għall-impriża.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1270
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. L-impriża għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti u sostanzjata kollha biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-merti tal-oġġezzjonijiet imqajma.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1271
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Abbażi tal-eżami tar-raġunijiet u l-evidenza pprovduti mill-impriża, wara li tikkonsulta lill-Istat Membru fejn tkun stabbilita, il-Kummissjoni tista' temenda l-Att ta' Implimentazzjoni tagħha biex teħles lill-impriża kkonċernata mill-obbligi tagħha skont dan l-Artikolu	***imħassar***

parzjalment jew totalment.

Or. en

Emenda 1272
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-użu ta' mekkaniżmi jew inizjattivi nazzjonali li jkollhom effett ekwivalenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1273
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. Meta impriża stabbilita fl-Unjoni tkun soġġetta għal miżura ta' pajjiż terz li tinvolvi ***ordni kklassifikata bħala prijorità***, hija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tinforma ***lill-Kumitat*** bl-eżistenza ta' tali miżuri.	16. Meta impriża stabbilita fl-Unjoni tkun soġġetta għal miżura ta' pajjiż terz li tinvolvi ***l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-ordnijiet***, hija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tinforma ***lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża*** bl-eżistenza ta' tali miżuri. ***Jekk l-impriża tonqos milli tinnotifika lill-Kummissjoni, tista' tkun soġġetta għal miżuri korrettivi skont l-Artikolu 55.***

Or. en

Emenda 1274
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. Meta impriża taċċetta jew tkun obbligata taċċetta u tipprijoritizza ordni kklassifikata bħala prijorità f'konformità mal-paragrafi 6 jew 7(b), din għandha tiġi protetta minn kwalunkwe responsabbiltà kuntrattwali jew ekstra-kuntrattwali fir-rigward tal-konformità mat-talbiet ikklassifikati bħala prijorità. Ir-responsabbiltà għandha tiġi eskluża biss sal-punt li l-ksur tal-obbligi kuntrattwali kien meħtieġ għall-konformità mal-prijoritizzazzjoni li ngħatat il-mandat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1275
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. Meta operatur ekonomiku, wara li jkun aċċetta b'mod espliċitu jew kien obbligat jaċċetta li jagħti prijorità lill-ordnijiet mitluba mill-Kummissjoni, ma jikkonformax, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, mal-obbligu li jipprijoritizza dawk l-ordnijiet, huwa għandu jkun soġġett għal multi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 54, għajr meta l-impriża jkollha raġunijiet suffiċjenti biex ma tikkonformax mal-obbligu li tipprijoritizza dawk l-ordnijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1276

Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-funzjonament tat-talbiet ikklassifikati bħala prijorità.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1277
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-funzjonament ***tat-talbiet*** ikklassifikati bħala prijorità.	19. ***Sa [6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-funzjonament ***tal-ordnijiet*** ikklassifikati bħala prijorità.

Or. en

Emenda 1278
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
20. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(3).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1279
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 47a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 47a
	Appoġġ għal azzjonijiet ta' innovazzjoni ta' emerġenza fil-qasam tad-difiża
	Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), l-azzjonijiet ta' innovazzjoni relatati ma' waħda mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu eliġibbli fil-qafas tal-Programm, previst fil-Kapitolu II:
	(a) attivitajiet maħsuba biex jadattaw u jimmodifikaw malajr il-prodotti ċivili għall-applikazzjonijiet tad-difiża;
	(b) attivitajiet maħsuba biex iqassru b'mod sinifikanti ħafna ż-żmien meħtieġ għall-konsenja tal-prodotti tad-difiża;
	(c) attivitajiet maħsuba biex jissimplifikaw b'mod sinifikanti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-prodotti tad-difiża sabiex jippermettu l-produzzjoni tal-massa tagħhom;
	(d) attivitajiet li għandhom l-għan li jissimplifikaw b'mod sinifikanti l-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tad-difiża biex jippermettu l-produzzjoni tal-massa tagħhom.

Or. en

Emenda 1280
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 47b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 47b
	Ċertifikazzjoni fl-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà
	1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikazzjoni u meta meħtieġ, l-adattamenti tekniċi, jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tagħhom.
	2. Meta dan l-istatus ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, iċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża għall-kriżijiet għandha tiġi allokata l-istatus tal-akbar importanza nazzjonali possibbli.
	3. Meta din il-miżura tiġi attivata, il-prodotti tad-difiża ċċertifikati fi Stat Membru għandhom jitqiesu ċċertifikati fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli addizzjonali.
	4. L-Att ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 48(3) jista' jistabbilixxi dispożizzjonijiet aktar preċiżi dwar l-ambitu ta' din il-miżura.
	5. Din il-miżura għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1281
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 47c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 47c

Aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi f'livell nazzjonali

1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4) u meta tali status ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet għandhom jiġu allokati l-istatus tal-akbar importanza nazzjonali possibbli u jiġu ttrattati bħala tali fil-proċessi tal-ħruġ tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, fl-ippjanar spazjali.

2. Is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti tad-difiża tista' titqies bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1)(c) tad-Direttiva 92/43/KEE u ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60. Għalhekk, l-ippjanar, il-bini u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni relatati jistgħu jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 1282
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 47d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 47d
	Prijoritizzazzjoni ta' prodotti tad-difiża
	Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), Stat Membru, li jiffaċċja jew jista' jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid tal-ordni jew

fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista tal-prodotti tad-difiża minħabba nuqqasijiet jew riskji serji ta' nuqqasijiet ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet u dawn id-diffikultajiet jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, jista' jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li impriża stabbilita fit-territorju tagħha taċċetta, jew tagħti prijorità lil ċerti ordnijiet tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet ("prijoritizzazzjoni tal-prodotti tad-difiża"). Dawn it-talbiet jistgħu jikkonċernaw biss il-prodotti tad-difiża.

2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tindirizza talba lill-impriża kkonċernata. It-talba tal-Kummissjoni għandha tindika b'mod espliċitu li l-operatur ekonomiku jibqa' liberu li jirrifjuta t-talba.

3. Meta l-impriża li lilha tkun indirizzata t-talba msemmija fil-paragrafu 1 tkun aċċettat b'mod espliċitu t-talba biex tagħti prijorità lit-talbiet, il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li stabbilixxa l-impriża kkonċernata u bi qbil minn qabel miegħu, tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprevedi:

(a) il-bażi legali tat-talbiet klassifikati bħala prijorità li l-impriża trid tikkonforma magħha;

(b) il-prodotti rilevanti għall-kriżijiet soġġetti għat-talba klassifikata bħala prijorità u l-kwantità li fiha għandhom jiġu fornuti;

(c) il-limiti ta' żmien li fihom għandha titlesta t-talba klassifikata bħala prijorità;

(d) il-benefiċjarji tat-talba kklassifikata bħala prijorità, u

(e) ir-rinunzja tar-responsabbiltà kuntrattwali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5.

4. It-talbiet klassifikati bħala prijorità għandu jitqegħdilhom prezz ġust u raġonevoli filwaqt li jitqiesu l-kostijiet tal-

opportunità tal-operatur ekonomiku meta jissodisfa t-talbiet klassifikati bħala prijorità fir-rigward tal-obbligi kuntrattwali eżistenti. It-talbiet klassifikati bħala prijorità għandhom jieħdu preċedenza fuq kwalunkwe obbligu kuntrattwali privat jew pubbliku preċedenti relatat mal-prodotti soġġetti għat-talba klassifikata bħala prijorità skont id-dritt privat jew pubbliku.

5. L-operatur ekonomiku soġġett għal dik it-talba kklassifikata bħala prijorità ma għandu jkun responsabbli għall-ebda ksur ta' obbligu kuntrattwali li jkun irregolat mil-liġi ta' Stat Membru, meta:

(a) il-ksur tal-obbligi kuntrattwali jkun strettament meħtieġ għall-konformità mal-prijoritizzazzjoni meħtieġa,

(b) ikun hemm konformità mal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 3 u

(c) l-aċċettazzjoni tat-talba klassifikata bħala prijorità ma tkunx saret biss bil-ħsieb li jiġi evitat l-obbligu ta' prestazzjoni minn qabel.

6. Meta operatur ekonomiku, wara li jkun aċċetta b'mod espliċitu li jagħti prijorità lill-ordnijiet mitluba mill-Kummissjoni, ma jikkonformax, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, mal-obbligu li jagħti prijorità lil dawk l-ordnijiet, huwa għandu jkun soġġett għal multi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 55, ħlief meta l-impriża jkollha raġunijiet suffiċjenti biex ma tikkonformax mal-obbligu li jagħti prijorità lil dawk l-ordnijiet.

7. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-użu ta' mekkaniżmi jew inizjattivi nazzjonali li jkollhom effett ekwivalenti.

8. Meta impriża stabbilita fl-Unjoni tkun soġġetta għal miżura ta' pajjiż terz li tinvolvi talba kklassifikata bħala prijorità, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tinforma lill-Kumitat bl-eżistenza ta' tali

	miżuri.
	9. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 3 għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(3).

Or. en

Emenda 1283
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Kapitolu IV – Taqsima 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1284
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Kapitolu IV – Taqsima 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1285
Adam Bielan
f'isem il-Grupp ECR
Rihards Kols, Michał Dworczyk, Daniel Obajtek, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

[...]	imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn l-artikoli tneħħew matul il-ħidma fuq ir-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon minħabba l-kontroversja li ħolqu u n-nuqqas ta' ħin biex issir ħidma fil-fond fuqhom. Bħalissa ninsabu fl-istess sitwazzjoni ta' urġenza. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jirrappreżentaw intervent estensiv fil-prerogattivi nazzjonali u fil-funzjonament tas-suq tad-difiża Ewropew - l-ebda waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet ma ġiet soġġetta għal proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt (għalkemm l-istruttura tas-sigurtà tal-provvista ġiet oriġinarjament proposta mill-Kummissjoni fl-2023).

Emenda 1286
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1287
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1288
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1289
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Attivazzjoni tal-istat ta' kriżi ***fil-provvista relatat mas-sigurtà***	Attivazzjoni tal-istat ta' kriżi ***fis-sigurtà***

Or. en

Emenda 1290
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Tkun inqalgħet ***jew titqies li tkun inqalgħet*** kriżi tas-sigurtà***;***	(a) Tkun inqalgħet kriżi tas-sigurtà ***jew hemm riskju imminenti li se tinqala' u tikkawża nuqqasijiet sinifikanti tal-prodotti tad-difiża.***

Or. en

Emenda 1291
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun hemm tfixkil serju fil-provvista tal-prodotti jew ostakli serji għall-kummerċ fi prodotti tad-difiża fl-Unjoni li jikkawżaw nuqqasijiet sinifikanti ta' prodotti tad-difiża jew ta' prodotti intermedji jew ta' materja prima jew ipproċessati relatati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1292
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta sseħħ kriżi ***tal-provvista relatata mas-sigurtà*** jew meta l-Kummissjoni jew il-Bord tat-Tħejjija Industrijali tad-Difiża jsiru konxji ta' kriżi potenzjali tal-provvista relatata mas-sigurtà skont l-Artikolu 43, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli, jekk il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu humiex issodisfati. Dik il-valutazzjoni għandha tqis l-impatti u l-konsegwenzi pożittivi u negattivi potenzjali tal-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà fuq il-ktajjen tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni. Meta dik il-valutazzjoni tipprovdi evidenza konkreta u affidabbli, il-Kummissjoni tista' tipproponi li l-Kunsill jattiva l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà.	2. Meta sseħħ kriżi ***tas-sigurtà*** jew meta l-Kummissjoni jew il-Bord tat-Tħejjija Industrijali tad-Difiża jsiru konxji ta' kriżi potenzjali tal-provvista relatata mas-sigurtà skont l-Artikolu 43, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli, jekk il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu humiex issodisfati. Dik il-valutazzjoni għandha tqis l-impatti u l-konsegwenzi pożittivi u negattivi potenzjali tal-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà fuq il-ktajjen tal-provvista tad-difiża tal-Unjoni. Meta dik il-valutazzjoni tipprovdi evidenza konkreta u affidabbli, il-Kummissjoni tista' tipproponi li l-Kunsill jattiva l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà.

Or. en

Emenda 1293
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq proposta tal-Kummissjoni u filwaqt li jaġixxi ***b'maġġoranza kwalifikata***, il-Kunsill jista' jadotta Att ta' Implimentazzjoni li jattiva l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà meta dan ikun xieraq biex tiġi indirizzata l-kriżi, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tal-Unjoni.	3. Fuq proposta tal-Kummissjoni u filwaqt li jaġixxi ***b'unanimità***, il-Kunsill jista' jadotta Att ta' Implimentazzjoni li jattiva l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà meta dan ikun xieraq biex tiġi indirizzata l-kriżi, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1294
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq proposta tal-Kummissjoni u filwaqt li jaġixxi ***b'maġġoranza kwalifikata***, il-Kunsill jista' jadotta Att ta' Implimentazzjoni li jattiva l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà meta dan ikun xieraq biex tiġi indirizzata l-kriżi, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tal-Unjoni.	3. Fuq proposta tal-Kummissjoni u filwaqt li jaġixxi ***b'unanimità***, il-Kunsill jista' jadotta Att ta' Implimentazzjoni li jattiva l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà meta dan ikun xieraq biex tiġi indirizzata l-kriżi, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1295
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq proposta tal-Kummissjoni u filwaqt li jaġixxi ***b'maġġoranza kwalifikata***, il-Kunsill jista' jadotta Att ta' Implimentazzjoni li jattiva l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà meta dan ikun xieraq biex tiġi indirizzata l-kriżi, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tal-Unjoni.	3. Fuq proposta tal-Kummissjoni u filwaqt li jaġixxi ***b'unanimità***, il-Kunsill jista' jadotta Att ta' Implimentazzjoni li jattiva l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà meta dan ikun xieraq biex tiġi indirizzata l-kriżi, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1296
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni tista' tipproponi estensjoni lill-Kunsill, billi tispeċifika liema miżuri jkunu xierqa għall-estensjoni, meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 tikkonkludi li jkun xieraq li jiġi estiż il-perjodu li għalih huwa attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà. L-estensjoni għandha tkun għal massimu ta' 6 xhur. Filwaqt li jaġixxi ***b'maġġoranza kwalifikata***, il-Kunsill jista' jiddeċiedi ripetutament li jestendi l-perjodu li għalih jiġi attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà meta dan ikun xieraq biex tiġi indirizzata l-kriżi, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini Ewropej.	6. Il-Kummissjoni tista' tipproponi estensjoni lill-Kunsill, billi tispeċifika liema miżuri jkunu xierqa għall-estensjoni, meta l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 tikkonkludi li jkun xieraq li jiġi estiż il-perjodu li għalih huwa attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà. L-estensjoni għandha tkun għal massimu ta' 6 xhur. Filwaqt li jaġixxi ***b'unanimità***, il-Kunsill jista' jiddeċiedi ripetutament li jestendi l-perjodu li għalih jiġi attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà meta dan ikun xieraq biex tiġi indirizzata l-kriżi, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini Ewropej.

Or. en

Emenda 1297
Adam Bielan

f'isem il-Grupp ECR
Rihards Kols, Michał Dworczyk, Daniel Obajtek, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 49	***imħassar***
Ġbir ta' informazzjoni	
Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżura prevista fl-Artikolu 46 fir-rigward tal-prodotti tad-difiża, f'konformità mal-kondizzjonijiet definiti fih.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn l-artikoli tneħħew matul il-ħidma fuq ir-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon minħabba l-kontroversja li ħolqu u n-nuqqas ta' ħin biex issir ħidma fil-fond fuqhom. Bħalissa ninsabu fl-istess sitwazzjoni ta' urġenza. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jirrappreżentaw intervent estensiv fil-prerogattivi nazzjonali u fil-funzjonament tas-suq tad-difiża Ewropew - l-ebda waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet ma ġiet soġġetta għal proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt (għalkemm l-istruttura tas-sigurtà tal-provvista ġiet oriġinarjament proposta mill-Kummissjoni fl-2023).

Emenda 1298
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 49	***imħassar***
Ġbir ta' informazzjoni	
Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżura prevista fl-Artikolu 46 fir-rigward tal-prodotti tad-difiża, f'konformità mal-kondizzjonijiet definiti fih.	

Or. en

Emenda 1299
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 49	***imħassar***
Ġbir ta' informazzjoni	
Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżura prevista fl-Artikolu 46 fir-rigward tal-prodotti tad-difiża, f'konformità mal-kondizzjonijiet definiti fih.	

Or. en

Emenda 1300
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 49	***imħassar***
Ġbir ta' informazzjoni	
Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżura prevista fl-Artikolu 46 fir-rigward tal-prodotti tad-difiża, f'konformità mal-kondizzjonijiet definiti fih.	

Or. en

Emenda 1301

Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 49	***imħassar***
Ġbir ta' informazzjoni	
Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżura prevista fl-Artikolu 46 fir-rigward tal-prodotti tad-difiża, f'konformità mal-kondizzjonijiet definiti fih.	

Or. en

Emenda 1302
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1303
Adam Bielan
f'isem il-Grupp ECR
Rihards Kols, Michał Dworczyk, Daniel Obajtek, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn l-artikoli tneħħew matul il-ħidma fuq ir-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon minħabba l-kontroversja li ħolqu u n-nuqqas ta' ħin biex issir ħidma fil-fond fuqhom. Bħalissa ninsabu fl-istess sitwazzjoni ta' urġenza. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jirrappreżentaw intervent estensiv fil-prerogattivi nazzjonali u fil-funzjonament tas-suq tad-difiża Ewropew - l-ebda waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet ma ġiet soġġetta għal proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt (għalkemm l-istruttura tas-sigurtà tal-provvista ġiet oriġinarjament proposta mill-Kummissjoni fl-2023).

Emenda 1304
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1305
Christophe Gomart, Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1306
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1307
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1308
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prijoritizzazzjoni tal-prodotti tad-difiża (***Talbiet Klassifikati*** bħala Prijorità)	Prijoritizzazzjoni tal-prodotti tad-difiża (***ordnijiet ikklassifikati*** bħala prijorità ***tal-kriżijiet tas-sigurtà***)

Or. en

Emenda 1309
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), Stat Membru, li jiffaċċja jew jista' jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid tal-ordni jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista tal-prodotti tad-difiża minħabba	***imħassar***

nuqqasijiet jew riskji serji ta' nuqqasijiet ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet u dawn id-diffikultajiet jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, jista' jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li impriża taċċetta, jew tipprijoritizza ċerti ordnijiet tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet ("talbiet klassifikati bħala prijorità"). Dawn it-talbiet jistgħu jikkonċernaw biss il-prodotti tad-difiża.

Or. en

Emenda 1310
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), Stat Membru, li jiffaċċja jew jista' jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid tal-ordni jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista tal-prodotti tad-difiża ***minħabba nuqqasijiet jew riskji serji ta' nuqqasijiet ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet*** u dawn id-diffikultajiet jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, jista' jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li impriża taċċetta, jew tipprijoritizza ċerti ordnijiet tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet ***("talbiet klassifikati bħala prijorità"). Dawn it-talbiet jistgħu jikkonċernaw biss il-prodotti tad-difiża.***	1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), Stat Membru, li jiffaċċja jew jista' jiffaċċja diffikultajiet serji fit-tqegħid tal-ordni jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-provvista tal-prodotti tad-difiża u dawn id-diffikultajiet jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, jista' jitlob lill-Kummissjoni tirrikjedi li impriża taċċetta, jew tipprijoritizza ċerti ordnijiet ***tad-difiża u*** tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet.

Or. en

Emenda 1311
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Deċiżjonijiet rigward il-prijoritizzazzjoni tal-produzzjoni tad-difiża għandhom jinbdew mill-Istat Membru f'konformità mal-politiki nazzjonali tagħhom ta' sovranità u sigurtà. Il-Kummissjoni ma għandhiex tagħti mandat għal talbiet ikklassifikati bħala prijorità li jinterferixxu mal-istrateġiji ta' akkwist nazzjonali sakemm ma jiġux mitluba u approvati espressament mill-Istat Membru kkonċernat. Is-sovranità tal-Istati Membri fuq il-bażi industrijali tad-difiża tagħhom għandha tiġi ssalvagwardjata kontra kwalunkwe miżura ta' prijoritizzazzjoni obbligatorja imposta mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 1312
Christian Ehler, Angelika Niebler, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', wara ***konsultazzjoni mal-Istat*** Membru ***fejn tkun stabbilita l-impriża*** kkonċernata ***u bi qbil minn qabel miegħu, teżiġi li*** din tal-aħħar taċċetta t-talbiet ikklassifikati bħala prijorità. It-talba tal-Kummissjoni għandha tindika b'mod espliċitu li l-operatur ekonomiku jibqa' liberu li jirrifjuta t-talba.	2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', wara ***li tirċievi ftehim mil-qabel tal-Istat*** Membru ***fejn ikunu stabbiliti l-kwartieri ġenerali tal-impriża*** kkonċernata ***kif ukoll l-Istat Membru li s-sit ta' produzzjoni tal-operatur ekonomiku jinsab fuq it-territorju tiegħu, toħroġ talba lil*** din tal-aħħar***, li titlob biex*** taċċetta t-talbiet ikklassifikati bħala prijorità. It-talba tal-Kummissjoni għandha tindika b'mod espliċitu li l-operatur ekonomiku jibqa' liberu li jirrifjuta t-talba.

Or. en

Emenda 1313
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata ***u bi qbil minn qabel miegħu***, teżiġi li din tal-aħħar taċċetta ***t-talbiet*** ikklassifikati bħala prijorità. ***It-talba tal-Kummissjoni għandha tindika b'mod espliċitu li l-operatur ekonomiku jibqa' liberu li jirrifjuta t-talba.***	2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata, teżiġi li din tal-aħħar taċċetta ***l-ordnijiet*** ikklassifikati bħala prijorità.

Or. en

Emenda 1314
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', ***wara konsultazzjoni mal-Istat*** Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata u bi qbil minn qabel miegħu, teżiġi li din tal-aħħar taċċetta t-talbiet ikklassifikati bħala prijorità. It-talba tal-Kummissjoni għandha tindika b'mod espliċitu li l-operatur ekonomiku jibqa' liberu li jirrifjuta t-talba.	2. Fuq talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', ***bl-awtorizzazzjoni tal-Istat*** Membru fejn tkun stabbilita l-impriża kkonċernata u bi qbil minn qabel miegħu, teżiġi li din tal-aħħar taċċetta t-talbiet ikklassifikati bħala prijorità. It-talba tal-Kummissjoni għandha tindika b'mod espliċitu li l-operatur ekonomiku jibqa' liberu li jirrifjuta t-talba.

Or. en

Emenda 1315
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di

Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Meta l-impriża li lilha tkun indirizzata t-talba msemmija fil-paragrafu 1 tkun aċċettat b'mod espliċitu t-talba biex tipprijoritizza t-talbiet,*** il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li stabbilixxa l-impriża kkonċernata ***u bi qbil minn qabel miegħu***, tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprevedi:	3. Il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li stabbilixxa l-impriża kkonċernata, tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprevedi:

Or. en

Emenda 1316
Christian Ehler, Angelika Niebler, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-impriża li lilha tkun indirizzata t-talba msemmija fil-paragrafu 1 tkun aċċettat b'mod espliċitu t-talba biex tipprijoritizza t-talbiet, il-Kummissjoni għandha, wara ***konsultazzjoni mal-Istat*** Membru li stabbilixxa ***l-impriża*** kkonċernata ***u bi qbil minn qabel miegħu,*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprevedi:	3. Meta l-impriża li lilha tkun indirizzata t-talba msemmija fil-paragrafu 1 tkun aċċettat b'mod espliċitu t-talba biex tipprijoritizza t-talbiet, il-Kummissjoni għandha, wara ***li tilħaq qbil minn qabel mal-Istat*** Membru li stabbilixxa ***l-kwartieri ġenerali tal-impriża*** kkonċernata ***kif ukoll l-Istat Membru li s-sit tal-produzzjoni tal-operatur ekonomiku kkonċernat jinsab fuq it-territorju tiegħu*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprevedi:

Or. en

Emenda 1317
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-bażi legali ***tat-talbiet klassifikati*** bħala prijorità li l-impriża trid tikkonforma magħha;	(a) il-bażi legali ***tal-ordni klassifikata*** bħala prijorità li l-impriża trid tikkonforma magħha;

Or. en

Emenda 1318
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-prodotti rilevanti għall-kriżijiet soġġetti ***għat-talba*** klassifikata bħala prijorità u l-kwantità li fiha għandhom jiġu fornuti;	(b) il-prodotti ***tad-difiża u l-prodotti*** rilevanti għall-kriżijiet soġġetti ***għall-ordni*** klassifikata bħala prijorità u l-kwantità li fiha għandhom jiġu fornuti;

Or. en

Emenda 1319
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-limiti ta' żmien li fihom għandha titlesta ***t-talba*** klassifikata bħala prijorità;	(c) il-limiti ta' żmien li fihom għandha titlesta ***l-ordni*** klassifikata bħala prijorità;

Or. en

Emenda 1320
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di

Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-benefiċjarji ***tat-talba*** kklassifikata bħala prijorità, u	(d) il-benefiċjarji ***tal-ordni*** kklassifikata bħala prijorità, u

Or. en

Emenda 1321
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-penali previsti fl-Artikolu 55 għal nuqqas ta' konformità mal-obbligu mill-impriżi msemmija fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 1322
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***It-talbiet klassifikati*** bħala prijorità għandu ***jitqegħdilhom*** prezz ġust u raġonevoli filwaqt li jitqiesu l-kostijiet tal-opportunità tal-operatur ekonomiku meta jissodisfa t-talbiet klassifikati bħala prijorità fir-rigward tal-obbligi kuntrattwali eżistenti. ***It-talbiet klassifikati*** bħala prijorità ***għandhom jieħdu*** preċedenza fuq kwalunkwe obbligu kuntrattwali privat jew	4. ***L-ordni klassifikata*** bħala prijorità ***għandu jkollha*** prezz ġust u raġonevoli filwaqt li jitqiesu l-kostijiet tal-opportunità tal-operatur ekonomiku meta jissodisfa t-talbiet klassifikati bħala prijorità fir-rigward tal-obbligi kuntrattwali eżistenti. ***L-ordni klassifikata*** bħala prijorità ***għandha tieħu*** preċedenza fuq kwalunkwe obbligu kuntrattwali privat jew pubbliku

pubbliku preċedenti relatat mal-prodotti soġġetti ***għat-talba*** klassifikata bħala prijorità skont id-dritt privat jew pubbliku.	preċedenti relatat mal-prodotti soġġetti ***għall-ordni*** klassifikata bħala prijorità skont id-dritt privat jew pubbliku.

Or. en

Emenda 1323
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-operatur ekonomiku soġġett għal dik ***it-talba*** kklassifikata bħala prijorità ma għandu jkun responsabbli għall-ebda ksur ta' obbligu kuntrattwali li jkun irregolat mil-liġi ta' Stat Membru, meta:	5. L-operatur ekonomiku soġġett għal dik ***l-ordni*** kklassifikata bħala prijorità ma għandu jkun responsabbli għall-ebda ksur ta' obbligu kuntrattwali li jkun irregolat mil-liġi ta' Stat Membru, meta:

Or. en

Emenda 1324
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Meta operatur ekonomiku, wara li jkun ***aċċetta*** b'mod espliċitu ***li jipprijoritizza l-ordnijiet mitluba*** mill-Kummissjoni, ma jikkonformax, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, mal-obbligu li jipprijoritizza dawk l-ordnijiet, huwa għandu jkun soġġett għal multi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 55, ħlief meta l-impriża jkollha raġunijiet suffiċjenti biex ma tikkonformax mal-obbligu li tipprijoritizza dawk l-ordnijiet.	6. Meta operatur ekonomiku, wara li jkun ***irrikonoxxa*** b'mod espliċitu ***l-ordni*** mill-Kummissjoni, ma jikkonformax, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, mal-obbligu li jipprijoritizza dawk l-ordnijiet, huwa għandu jkun soġġett għal multi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 55, ħlief meta l-impriża jkollha raġunijiet suffiċjenti biex ma tikkonformax mal-obbligu li tipprijoritizza dawk l-ordnijiet.

Or. en

Emenda 1325
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 51	***imħassar***
Trasferimenti intra-UE tal-prodotti tad-difiża	
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4) u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/43/KE u għall-prerogattivi tal-Istati Membri skont dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet relatati mat-trasferimenti intra-UE jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kollha kkonċernati għandhom jiżguraw li t-trattament ta' applikazzjoni ma jaqbiżx jumejn xogħol.	
2. It-trasferimenti tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet ma jistgħux jitqiesu bħala sensittivi skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-paragrafu 8 tad-Direttiva 2009/43/KE.	
3. L-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jimponu restrizzjonijiet għat-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/43/KE fl-Unjoni. Meta l-Istati Membri jimponu dawn ir-restrizzjonijiet għal raġunijiet ta' sigurtà jew difiża, dan għandu jsir biss jekk dawk ir-restrizzjonijiet ikunu:	
(a) trasparenti, jiġifieri minquxa f'dikjarazzjonijiet/dokumenti pubbliċi;	
(b) debitament motivati, jiġifieri jeħtieġ li jispjegaw ir-raġunijiet u r-rabta mas-sigurtà jew id-difiża;	
(c) proporzjonati, jiġifieri li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ;	

(d) rilevanti u speċifiċi, jiġifieri restrizzjoni jeħtieġ li tkun speċifika għal prodott relatat mad-difiża jew kategorija ta' prodotti relatati mad-difiża;

(e) nondiskriminatorji.

Or. en

Emenda 1326
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 51	***imħassar***
Trasferimenti intra-UE tal-prodotti tad-difiża	
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4) u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/43/KE u għall-prerogattivi tal-Istati Membri skont dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet relatati mat-trasferimenti intra-UE jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kollha kkonċernati għandhom jiżguraw li t-trattament ta' applikazzjoni ma jaqbiżx jumejn xogħol.	
2. It-trasferimenti tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet ma jistgħux jitqiesu bħala sensittivi skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-paragrafu 8 tad-Direttiva 2009/43/KE.	
3. L-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jimponu restrizzjonijiet għat-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/43/KE fl-Unjoni. Meta l-Istati Membri jimponu dawn ir-restrizzjonijiet għal raġunijiet ta' sigurtà jew difiża, dan għandu jsir biss jekk dawk ir-restrizzjonijiet ikunu:	

(a) trasparenti, jiġifieri minquxa f'dikjarazzjonijiet/dokumenti pubbliċi;

(b) debitament motivati, jiġifieri jeħtieġ li jispjegaw ir-raġunijiet u r-rabta mas-sigurtà jew id-difiża;

(c) proporzjonati, jiġifieri li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ;

(d) rilevanti u speċifiċi, jiġifieri restrizzjoni jeħtieġ li tkun speċifika għal prodott relatat mad-difiża jew kategorija ta' prodotti relatati mad-difiża;

(e) nondiskriminatorji.

Or. en

Emenda 1327
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu ***48(4)*** u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/43/KE u għall-prerogattivi tal-Istati Membri skont dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet relatati mat-trasferimenti intra-UE jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kollha kkonċernati għandhom jiżguraw li t-trattament ta' applikazzjoni ma jaqbiżx jumejn xogħol.	1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu ***47*** u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/43/KE u għall-prerogattivi tal-Istati Membri skont dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet relatati mat-trasferimenti intra-UE jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kollha kkonċernati għandhom jiżguraw li t-trattament ta' applikazzjoni ma jaqbiżx jumejn xogħol.

Or. en

Emenda 1328
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Kunsill jattiva ***din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4)*** u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/43/KE u għall-prerogattivi tal-Istati Membri skont dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet relatati mat-trasferimenti intra-UE jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kollha kkonċernati għandhom jiżguraw li t-trattament ta' applikazzjoni ma jaqbiżx jumejn xogħol.	1. Meta l-Kunsill jattiva ***l-istat ta' kriżi fil-provvista*** u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/43/KE u għall-prerogattivi tal-Istati Membri skont dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet relatati mat-trasferimenti intra-UE jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u f'waqtu. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kollha kkonċernati għandhom jiżguraw li t-trattament ta' applikazzjoni ma jaqbiżx jumejn xogħol.

Or. en

Emenda 1329
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasferimenti tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet ***ma jistgħux*** jitqiesu bħala sensittivi skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-paragrafu 8 tad-Direttiva 2009/43/KE.	2. It-trasferimenti tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet ***jistgħu*** jitqiesu bħala sensittivi skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-paragrafu 8 tad-Direttiva 2009/43/KE.

Or. en

Emenda 1330
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. B'deroga mill-Artikolu 4(1) tad-

Direttiva 2009/43/KE, it-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/43/KE bejn l-Istati Membri ma għandux ikun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel.

Or. en

Emenda 1331
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jimponu restrizzjonijiet għat-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/43/KE fl-Unjoni. Meta l-Istati Membri jimponu dawn ir-restrizzjonijiet għal raġunijiet ta' sigurtà jew difiża, dan għandu jsir biss jekk dawk ir-restrizzjonijiet ikunu:	***imħassar***
(a) trasparenti, jiġifieri minquxa f'dikjarazzjonijiet/dokumenti pubbliċi;	
(b) debitament motivati, jiġifieri jeħtieġ li jispjegaw ir-raġunijiet u r-rabta mas-sigurtà jew id-difiża;	
(c) proporzjonati, jiġifieri li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ;	
(d) rilevanti u speċifiċi, jiġifieri restrizzjoni jeħtieġ li tkun speċifika għal prodott relatat mad-difiża jew kategorija ta' prodotti relatati mad-difiża;	
(e) nondiskriminatorji.	

Or. en

Emenda 1332
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di

Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jimponu restrizzjonijiet għat-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/43/KE fl-Unjoni. Meta l-Istati Membri jimponu dawn ir-restrizzjonijiet għal raġunijiet ta' sigurtà jew difiża, dan għandu jsir biss jekk dawk ir-restrizzjonijiet ikunu:	3. L-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jimponu restrizzjonijiet għat-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/43/KE fl-Unjoni. Meta l-Istati Membri jimponu dawn ir-restrizzjonijiet għal raġunijiet ta' sigurtà jew difiża, dan għandu jsir biss jekk dawk ir-restrizzjonijiet ikunu:

Or. en

Emenda 1333
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) trasparenti, jiġifieri minquxa f'dikjarazzjonijiet/dokumenti pubbliċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1334
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) debitament motivati, jiġifieri jeħtieġ li jispjegaw ir-raġunijiet u r-rabta mas-sigurtà jew id-difiża;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1335
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) proporzjonati, jiġifieri li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1336
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) rilevanti u speċifiċi, jiġifieri restrizzjoni jeħtieġ li tkun speċifika għal prodott relatat mad-difiża jew kategorija ta' prodotti relatati mad-difiża;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1337
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) nondiskriminatorji.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1338
Morten Løkkegaard, João Cotrim De Figueiredo

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida komuni fil-livell tal-UE biex tnaqqas il-piż amministrattiv ta' trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża, tiżviluppa mekkaniżmi għar-rikonoxximent reċiproku ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjonijiet fil-kummerċ tad-difiża intra-UE, u tistabbilixxi qafas unifikat biex tissimplifika s-sħubijiet pubbliċi-privati għal proġetti ta' difiża ta' interess komuni tal-UE.

Or. en

Emenda 1339
Nathalie Loiseau, Ivars Ijabs, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Bart Groothuis, Marjan Šarec, Christophe Grudler, Petras Auštrevičius, Lucia Yar, Michał Kobosko

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Għandu jkun disponibbli mekkaniżmu ta' varar malajr għal riżervi konġunti, li jpoġġihom fl-Istati Membri l-aktar vulnerabbli jew qrib tagħhom, b'mod partikolari dawk fin-naħa tal-Lvant, biex tiġi żgurata d-disponibbiltà immedjata f'każ ta' attakk.

Or. en

Emenda 1340
Katri Kulmuni, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Għandu jkun disponibbli mekkaniżmu ta' varar malajr għal riżervi konġunti, li jpoġġihom qrib l-Istati Membri l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari dawk fuq il-fruntiera tal-Lvant, biex tiġi żgurata d-disponibbiltà immedjata f'każ ta' attakk.

Or. en

Emenda 1341
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 52	***imħassar***
Appoġġ għal azzjonijiet ta' innovazzjoni ta' emerġenza fil-qasam tad-difiża	
Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), l-azzjonijiet ta' innovazzjoni relatati ma' waħda mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu eliġibbli fil-qafas tal-Programm, previst fil-Kapitolu II:	
(a) attivitajiet maħsuba biex jadattaw u jimmodifikaw malajr il-prodotti ċivili għall-applikazzjonijiet tad-difiża;	
(b) attivitajiet maħsuba biex iqassru b'mod sinifikanti ħafna ż-żmien meħtieġ għall-konsenja tal-prodotti tad-difiża;	
(c) attivitajiet maħsuba biex jissimplifikaw b'mod sinifikanti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-prodotti tad-difiża sabiex jippermettu l-produzzjoni tal-massa	

tagħhom;

(d) attivitajiet li għandhom l-għan li jissimplifikaw b'mod sinifikanti l-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tad-difiża biex jippermettu l-produzzjoni tal-massa tagħhom.

Or. en

Emenda 1342
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għal azzjonijiet ta' innovazzjoni ***ta' emerġenza*** fil-qasam tad-difiża	Azzjonijiet ta' innovazzjoni fil-qasam tad-difiża

Or. en

Emenda 1343
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), l-azzjonijiet ta' innovazzjoni relatati ma' waħda mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu eliġibbli fil-qafas tal-Programm, previst fil-Kapitolu II:	L-azzjonijiet ta' innovazzjoni relatati ma' waħda mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu eliġibbli fil-qafas tal-Programm, previst fil-Kapitolu II:

Or. en

Emenda 1344
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu ***48(4)***, l-azzjonijiet ta' innovazzjoni relatati ma' waħda mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu eliġibbli fil-qafas tal-Programm, previst fil-Kapitolu II:	Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu ***47***, l-azzjonijiet ta' innovazzjoni relatati ma' waħda mill-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu eliġibbli fil-qafas tal-Programm, previst fil-Kapitolu II:

Or. en

Emenda 1345
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) attivitajiet maħsuba biex jadattaw u jimmodifikaw malajr il-prodotti ċivili għall-applikazzjonijiet tad-difiża;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1346
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) attivitajiet maħsuba biex jadattaw u jimmodifikaw malajr il-prodotti ċivili għall-applikazzjonijiet tad-difiża;	(a) attivitajiet maħsuba biex jadattaw u jimmodifikaw malajr il-prodotti ċivili ***li huma f'konformità mad-dritt tal-Unjoni applikabbli,*** għall-applikazzjonijiet tad-difiża;

Or. en

Emenda 1347
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) attivitajiet li għandhom l-għan li jissimplifikaw b'mod sinifikanti l-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tad-difiża biex jippermettu l-produzzjoni tal-massa tagħhom.	(d) attivitajiet li għandhom l-għan li jissimplifikaw b'mod sinifikanti l-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti tad-difiża biex jippermettu l-produzzjoni tal-massa tagħhom ***mingħajr ma jdgħajfu l-istandards ambjentali, tad-drittijiet fundamentali, soċjali u tas-saħħa***.

Or. en

Emenda 1348
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) attivitajiet li għandhom l-għan li jissostitwixxu komponenti b'alternattivi li huma disponibbli fl-UE jew li huma faċilment adattabbli jew li jistgħu jiġu żviluppati fi żmien xieraq mill-entitajiet ekonomiċi ġewwa l-UE;

Or. en

Emenda 1349
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Il-Kummissjoni flimkien maċ-Ċentru ta' Innovazzjoni fid-Difiża Ewropea tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tidentifika miżuri possibbli u tivvaluta l-fattibbiltà fi żmien xieraq tagħhom, filwaqt li tqis l-effetti fit-tul fit-tnaqqis tad-dipendenzi esterni, kif ukoll l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-attivitajiet deskritti fl-Artikolu 52(1) u tinforma, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża u lill-Parlament Ewropew fi żmien xieraq.

Or. en

Emenda 1350
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-azzjonijiet ta' innovazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw konformità sħiħa mal-istandards ambjentali, soċjali u tas-saħħa tal-bniedem, u ma għandhomx idgħajfu l-ebda dritt fundamentali.

Or. en

Emenda 1351
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kwalunkwe appoġġ pubbliku għall-azzjonijiet ta' innovazzjoni fil-qasam tad-difiża għandhom iwasslu għal sjieda

pubblika proporzjonata tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Or. en

Emenda 1352
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara evalwazzjoni pożittiva tas-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża mill-Bord tat-Thejjija Industrijali għad-Difiża, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni biex tibda appoġġ finanzjarju f'waqtu għall-azzjoni identifikata skont dan ir-regolament.

Or. en

Emenda 1353
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 53	***imħassar***
Ċertifikazzjoni fl-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà	
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikazzjoni u meta meħtieġ, l-adattamenti tekniċi, jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tagħhom.	

2. Meta dan l-istatus ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, iċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża għall-kriżijiet għandha tiġi allokata l-istatus tal-akbar importanza nazzjonali possibbli.

3. Meta din il-miżura tiġi attivata, il-prodotti tad-difiża ċċertifikati fi Stat Membru għandhom jitqiesu ċċertifikati fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli addizzjonali.

4. L-Att ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 48(3) jista' jistabbilixxi dispożizzjonijiet aktar preċiżi dwar l-ambitu ta' din il-miżura.

5. Din il-miżura għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1354
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ċertifikazzjoni fl-istat ta' kriżi ***fil-provvista relatat mas-sigurtà***	Ċertifikazzjoni fl-istat ta' kriżi ***tas-sigurtà***

Or. en

Emenda 1355
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu ***48(4)***, l-Istati	1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu ***44***, l-Istati

Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikazzjoni u meta meħtieġ, l-adattamenti tekniċi, jiġu pproċessati bl-aktar mod rapidu possibbli, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tagħhom.	Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikazzjoni u meta meħtieġ, l-adattamenti tekniċi, jiġu pproċessati bl-aktar mod rapidu possibbli, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tagħhom.

Or. en

Emenda 1356
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta dan l-istatus ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, iċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża għall-kriżijiet għandha tiġi allokata l-istatus tal-akbar importanza nazzjonali possibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1357
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta din il-miżura tiġi attivata, il-prodotti tad-difiża ċċertifikati fi Stat Membru għandhom jitqiesu ċċertifikati fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli addizzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1358
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 54	***imħassar***
Aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi f'livell nazzjonali	
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4) u meta tali status ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet għandhom jiġu allokati l-istatus tal-akbar importanza nazzjonali possibbli u jiġu ttrattati bħala tali fil-proċessi tal-ħruġ tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, fl-ippjanar spazjali.	
2. Is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti tad-difiża tista' titqies bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1)(c) tad-Direttiva 92/43/KEE u ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60. Għalhekk, l-ippjanar, il-bini u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni relatati jistgħu jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.	

Or. en

Emenda 1359
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4) u meta tali status ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet għandhom jiġu allokati l-istatus tal-akbar importanza nazzjonali possibbli u jiġu ttrattati bħala tali fil-proċessi tal-ħruġ tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, fl-ippjanar spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1360
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4) u meta tali status ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet għandhom jiġu allokati l-istatus tal-akbar importanza nazzjonali possibbli u jiġu ttrattati bħala tali fil-proċessi tal-ħruġ tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, fl-ippjanar spazjali.	1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu 48(4) u meta tali status ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni ***tad-difiża u*** tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet għandhom jiġu allokati l-istatus tal-ogħla importanza nazzjonali possibbli u jiġu ttrattati bħala tali fil-proċessi tal-għoti tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, fl-ippjanar spazjali.

Or. en

Emenda 1361
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu ***48(4)*** u meta tali status ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet għandhom jiġu allokati l-istatus tal-ogħla importanza nazzjonali possibbli u jiġu ttrattati bħala tali fil-proċessi tal-għoti tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, fl-ippjanar spazjali.	1. Meta l-Kunsill jattiva din il-miżura f'konformità mal-Artikolu ***44*** u meta tali status ikun jeżisti fid-dritt nazzjonali, l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet għandhom jiġu allokati l-istatus tal-ogħla importanza nazzjonali possibbli u jiġu ttrattati bħala tali fil-proċessi tal-għoti tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, fl-ippjanar spazjali.

Or. en

Emenda 1362
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti tad-difiża tista' titqies bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1)(c) tad-Direttiva 92/43/KEE u ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60. Għalhekk, l-ippjanar, il-bini u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni relatati jistgħu jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1363
Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti tad-difiża tista' titqies bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1)(c) tad-Direttiva 92/43/KEE ***u*** ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60. Għalhekk, l-ippjanar, il-bini u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni relatati jistgħu jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.	2. Is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti tad-difiża tista' titqies bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 16(1)(c) tad-Direttiva 92/43/KEE***,*** ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60 ***u ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 15(7), il-punt (c) tad-Direttiva 2010/75/UE***. Għalhekk, l-ippjanar, il-bini u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-produzzjoni relatati jistgħu jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet. ***Dawn il-faċilitajiet jistgħu jitqiesu li jaqgħu wkoll taħt l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2011/92/UE.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li tiġi rikonoxxuta l-urġenza li tissaħħaħ il-kapaċità tad-difiża industrijali, li tippermetti li jiġu estiżi l-faċilitajiet ta' produzzjoni aktar malajr. Għalhekk din l-emenda ttenni deroga ta' interess pubbliku prevalenti eżistenti għad-Direttiva 2010/75/UE, u li taqa' taħt deroga eżistenti tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, li tiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, fuq bażi ta' każ b'każ jekk huwa previst skont id-dritt nazzjonali, li ma japplikawx din id-Direttiva għal proġetti li jservu għanijiet tad-difiża nazzjonali.

Emenda 1364
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 54a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 54a
	Kontinwità tal-produzzjoni ta' prodotti

	rilevanti tad-difiża
	1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw jew jinkoraġġixxu lill-kumpaniji li jipproduċu prodotti rilevanti tad-difiża biex jużaw id-derogi previsti fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2003/88/KE sabiex jippermettu l-espansjoni tax-xiftijiet tax-xogħol u b'hekk jiffaċilitaw il-kontinwità tal-produzzjoni ta' prodotti rilevanti tad-difiża, jekk iqisu li jkun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament.
	2. Għal dak l-għan u meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel, l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati kollha għandhom jiżguraw li jingħata l-aktar trattament rapidu legalment possibbli lill-applikazzjonijiet minn entitajiet li jipproduċu jew li jagħmlu parti mill-katina tal-provvista ta' prodott rilevanti tad-difiża biex jużaw dawn id-derogi.

Or. en

Emenda 1365
Christophe Gomart, Željana Zovko

Proposta għal regolament
Kapitolu IV – Taqsima 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5 [...]	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1366
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Kapitolu IV – Taqsima 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5	***Penali***	5	***Miżuri korrettivi***

Or. en

Emenda 1367
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1368
Adam Bielan
f'isem il-Grupp ECR
Rihards Kols, Michał Dworczyk, Daniel Obajtek, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn l-artikoli tneħħew matul il-ħidma fuq ir-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon minħabba l-kontroversja li ħolqu u n-nuqqas ta' ħin biex issir ħidma fil-fond fuqhom. Bħalissa ninsabu fl-istess sitwazzjoni ta' urġenza. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jirrappreżentaw intervent estensiv fil-prerogattivi nazzjonali u fil-funzjonament tas-suq tad-difiża Ewropew - l-ebda waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet ma ġiet soġġetta għal proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt (għalkemm l-istruttura tas-sigurtà tal-provvista ġiet oriġinarjament proposta mill-Kummissjoni fl-2023).

Emenda 1369
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Penali	***Miżuri korrettivi***

Or. en

Emenda 1370
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Permezz tal-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' timponi fuq l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, li jkunu d-destinatarji tal-miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni msemmija fl-Artikoli 46, u 48, jew ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar obbligu ta' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8) jew li jipprijoritizzaw il-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikoli 47 jew 49, meta tqis li dan ikun meħtieġ u proporzjonat:	***imħassar***
(a) multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikoli 46 u 48, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt;	
(b) multi li ma jaqbżux il-EUR 150 000, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni dwar obbligu relatat ma' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8);	

(c) pagamenti perjodiċi ta' penali li ma jaqbżux il-1,5 % tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kontabilistika preċedenti għal kull jum ta' xogħol ta' nuqqas ta' konformità mid-data stabbilita fid-deċiżjoni li fiha tkun inħarġet l-ordni kklassifikata bħala prijorità, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżi skont l-Artikolu 47. Meta l-impriża kkonċernata tkun SME, il-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti ma għandhomx jaqbżu ż-0,5 % tal-fatturat medju ta' kuljum tagħha fis-sena kummerċjali preċedenti;

(d) multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 49.

Or. en

Emenda 1371
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Permezz tal-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' timponi fuq l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, li jkunu d-destinatarji tal-miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni msemmija ***fl-Artikoli 46, u 48***, jew ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar obbligu ta' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) ***u 50(8) jew li jipprijoritizzaw il-produzzjoni*** ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont ***l-Artikoli 47 jew 49***, meta	1. Permezz tal-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni***, wara li tikkonsulta l-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża fejn hija stabbilita l-impriża*** tista' timponi fuq l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, li jkunu d-destinatarji tal-miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni msemmija ***fl-Artikolu 46***, jew ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar obbligu ta' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) ***jew tirrifjuta l-impenn jew l-eżekuzzjoni ta'***

tqis li dan ikun meħtieġ u proporzjonat:	***ftehim li ntlaħaq fil-proċess ta' prijoritizzazzjoni mill-ġdid għall-produzzjoni*** ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont ***l-Artikolu*** 47, meta tqis li dan ikun meħtieġ u proporzjonat:

Or. en

Emenda 1372
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Permezz tal-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' timponi fuq l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, li jkunu d-destinatarji tal-miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni msemmija fl-Artikoli 46, u 48, jew ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar obbligu ta' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8) jew li jipprijoritizzaw il-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikoli 47 jew 49, meta tqis li dan ikun meħtieġ u proporzjonat:	1. Permezz tal-att ta' implimentazzjoni***, u billi tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiġu kkonsultati kif xieraq qabel l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni***, il-Kummissjoni tista' timponi fuq l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, li jkunu d-destinatarji tal-miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni msemmija fl-Artikoli 46, u 48, jew ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar obbligu ta' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8) jew li jipprijoritizzaw il-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikoli 47 jew 49, meta tqis li dan ikun meħtieġ u proporzjonat:

Or. en

Emenda 1373
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Permezz tal-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' timponi fuq l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, li jkunu d-destinatarji tal-miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni msemmija fl-Artikoli 46, u 48, jew ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar obbligu ta' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8) jew li jipprijoritizzaw il-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikoli 47 ***jew*** 49, meta tqis li dan ikun meħtieġ u proporzjonat:	1. Permezz tal-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' timponi fuq l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, li jkunu d-destinatarji tal-miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni msemmija fl-Artikoli 46, u 48, jew ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar obbligu ta' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8) jew li jipprijoritizzaw il-produzzjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet ***u prodotti tad-difiża*** skont l-Artikoli 47***,*** 49 ***u 50***, meta tqis li dan ikun meħtieġ u proporzjonat:

Or. en

Emenda 1374
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikoli 46 u 48, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt***;	(a) ***sospensjoni tal-fondi pprovduta lill-impriża kkonċernata skont dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 1375
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) multi li ma jaqbżux ***it-EUR 300 000***, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikoli 46 u 48, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt;	(a) multi li ma jaqbżux ***il-1 % tal-fatturat annwali nett globali tal-impriża***, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikoli 46 u 48, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt;

Or. en

Emenda 1376
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikoli 46 u 48***, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt***;	(a) multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula skont l-Artikoli 46 u 48;

Or. en

Emenda 1377
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) multi li ma jaqbżux ***it-EUR 300 000***, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula	(a) multi li ma jaqbżux ***il-EUR 100 000***, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, jipprovdu informazzjoni skorretta, inkompleta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba magħmula

skont l-Artikoli 46 u 48, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt;	skont l-Artikoli 46 u 48, jew ma tipprovdix l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt;

Or. en

Emenda 1378
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) multi li ma jaqbżux il-EUR 150 000, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni dwar obbligu relatat ma' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8);	(b) multi li ma jaqbżux il-EUR 150 000, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni dwar obbligu relatat ma' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8); ***jew ma jipprovdux l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 46 u jew 49***

Or. en

Emenda 1379
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***multi li ma jaqbżux il-EUR 150 000, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni dwar obbligu relatat ma' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8)***;	(b) ***irkupru tal-fondi pprovduti lill-impriża kkonċernata skont dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 1380
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) multi li ma jaqbżux ***il-EUR 150 000***, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni dwar obbligu relatat ma' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8);	(b) multi li ma jaqbżux ***iż-0,5 % tal-fatturat annwali nett globali tal-impriża***, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni dwar obbligu relatat ma' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8);

Or. en

Emenda 1381
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) multi li ma jaqbżux ***il-EUR 150 000***, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni dwar obbligu relatat ma' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8);	(b) multi li ma jaqbżux ***il-EUR 50 000***, meta intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li jinformaw lill-Kummissjoni dwar obbligu relatat ma' pajjiż terz skont l-Artikoli 47(16) u 50(8);

Or. en

Emenda 1382
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***pagamenti perjodiċi ta' penali li***	(c) ***esklużjoni tal-impriża*** kkonċernata

ma jaqbżux il-1,5 % tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kontabilistika preċedenti għal kull jum ta' xogħol ta' nuqqas ta' konformità mid-data stabbilita fid-deċiżjoni li fiha tkun inħarġet l-ordni kklassifikata bħala prijorità, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżi skont l-Artikolu 47. Meta l-impriża kkonċernata ***tkun SME, il-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti ma għandhomx jaqbżu ż-0,5 % tal-fatturat medju ta' kuljum tagħha fis-sena kummerċjali preċedenti***;	***mill-parteċipazzjoni fi programmi ffinanzjati mill-UE relatati mad-difiża għal perjodu mhux itwal minn 5 snin***;

Or. en

Emenda 1383
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) pagamenti perjodiċi ta' penali li ma jaqbżux ***il-1,5 %*** tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kontabilistika preċedenti għal kull jum ta' xogħol ta' nuqqas ta' konformità mid-data stabbilita fid-deċiżjoni li fiha tkun inħarġet l-ordni kklassifikata bħala prijorità, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżi skont l-Artikolu 47. Meta l-impriża kkonċernata tkun SME, il-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti ma għandhomx jaqbżu ***ż-0,5 %*** tal-fatturat medju ta' kuljum tagħha fis-sena kummerċjali preċedenti;	(c) pagamenti perjodiċi ta' penali li ma jaqbżux ***l-10 %*** tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kontabilistika preċedenti għal kull jum ta' xogħol ta' nuqqas ta' konformità mid-data stabbilita fid-deċiżjoni li fiha tkun inħarġet l-ordni kklassifikata bħala prijorità, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżi skont l-Artikolu 47. Meta l-impriża kkonċernata tkun SME, il-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti ma għandhomx jaqbżu ***l-5 %*** tal-fatturat medju ta' kuljum tagħha fis-sena kummerċjali preċedenti;

Or. en

Emenda 1384
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 49.	(d) multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 49***, dment li l-impożizzjoni ta' tali multi għandha tkun soġġetta għal konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti***.

Or. en

Emenda 1385
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) multi li ma jaqbżux ***it-EUR 300 000***, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 49.	(d) multi li ma jaqbżux ***il-1 % tal-fatturat annwali nett globali tal-impriża***, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 49.

Or. en

Emenda 1386
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) multi li ma jaqbżux ***it-EUR 300 000***, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 49.	(d) multi li ma jaqbżux ***l-EUR 100 000***, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 49.

Or. en

Emenda 1387
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu ***49***.	(d) multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000, meta, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu ***47***.

Or. en

Emenda 1388
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***multi li ma jaqbżux it-EUR 300 000,*** meta***, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma jikkonformawx mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet skont l-Artikolu 49.***	(d) meta ***rilevanti, is-sospensjoni tal-finanzjament ipprovduta lill-impriża kkonċernata fi programmi tal-UE relatati mad-difiża fejn l-impriża kkonċernata qed tipparteċipa għal perjodu mhux itwal minn ħames snin;***

Or. en

Emenda 1389
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) multi li ma jaqbżux il-1 % tal-fatturat annwali nett globali tal-impriża, fejn, intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja, ma tikkonformax mal-obbligu li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-prodotti tad-difiża skont l-Artikolu 50, paragrafu 2.

Or. en

Emenda 1390
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-multi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-fatturat annwali nett globali tal-impriża fis-sena finanzjarja qabel dik tad-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa.

Or. en

Emenda 1391
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel ma tieħu deċiżjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tipprovdi opportunità għall-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, biex jinstemgħu f'konformità mal-Artikolu 56. Għandha tqis kwalunkwe ġustifikazzjoni debitament ġustifikata ppreżentata minnhom sabiex tiddetermina jekk ***il-multi jew il-pagamenti perjodiċi ta' penali*** jitqisux neċessarji u proporzjonati.	2. Qabel ma tieħu deċiżjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tipprovdi opportunità għall-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, biex jinstemgħu f'konformità mal-Artikolu 56. Għandha tqis kwalunkwe ġustifikazzjoni debitament ġustifikata ppreżentata minnhom sabiex tiddetermina jekk ***il-miżuri korrettivi*** jitqisux neċessarji u proporzjonati.

Or. en

Emenda 1392
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fl-iffissar ***tal-ammont tal-multa jew*** tal-pagament ***perjodiku ta' penali***, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura, il-gravità u d-durata tal-ksur, inkluż f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ***mal-obbligu li tiġi aċċettata u pprijoritizzata ordni kklassifikata bħala prijorità stabbilita fl-Artikolu 47 u jekk l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien u r-rappreżentanti tagħhom imsemmija fil-paragrafu (1), ikunux ikkonformaw parzjalment mal-ordni kklassifikata bħala prijorità***.	4. Fl-iffissar ***tad-durata*** tal-pagament ***tal-miżura korrettiva***, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura, il-gravità u d-durata tal-ksur, inkluż f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

Or. en

Emenda 1393
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament

Artikolu 55 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fl-iffissar tal-ammont tal-multa jew tal-pagament perjodiku ta' penali, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura, il-gravità u d-durata tal-ksur, inkluż f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu li tiġi aċċettata u pprijoritizzata ordni kklassifikata bħala prijorità stabbilita fl-Artikolu 47 u jekk l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien u r-rappreżentanti tagħhom imsemmija fil-paragrafu (1), ikunux ikkonformaw parzjalment mal-ordni kklassifikata bħala prijorità.	4. Fl-iffissar tal-ammont tal-multa jew tal-pagament perjodiku ta' penali, il-Kummissjoni***, wara konsultazzjoni minn qabel mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti,*** għandha tqis in-natura, il-gravità u d-durata tal-ksur, inkluż f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu li tiġi aċċettata u pprijoritizzata ordni kklassifikata bħala prijorità stabbilita fl-Artikolu 47 u jekk l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet, inkluż is-sidien u r-rappreżentanti tagħhom imsemmija fil-paragrafu (1), ikunux ikkonformaw parzjalment mal-ordni kklassifikata bħala prijorità.

Or. en

Emenda 1394
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tiġi appellata f'konformità mat-trattati u mad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 1395
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-multi għandhom jikkostitwixxu	***imħassar***

dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju għall-Programm u tal-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna.

Or. en

Emenda 1396
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-multi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju għall-Programm ***u tal-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna***.	5. Il-multi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju ***u*** għall-Programm.

Or. ro

Emenda 1397
Adam Bielan
f'isem il-Grupp ECR
Rihards Kols, Michał Dworczyk, Daniel Obajtek, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 56	***imħassar***
Id-dritt li wieħed jinstema' għall-impożizzjoni ta' multi jew ta' pagamenti perjodiċi ta' penali	
1. Qabel ma tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 55, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, ikunu ngħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet dwar:	

(a) is-sejbiet preliminari li tkun għamlet il-Kummissjoni, inkluż kwalunkwe kwistjoni li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni tkun qajmet xi oġġezzjonijiet;

(b) il-miżuri li l-Kummissjoni tista' tkun beħsiebha tieħu fid-dawl tas-sejbiet preliminari skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

2. L-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom għas-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni f'limitu ta' żmien li għandha tistabbilixxi l-Kummissjoni fis-sejbiet preliminari tagħha u li ma jistax ikun ta' inqas minn 14-il jum ta' xogħol.

3. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-impożizzjoni tagħha ta' multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, setgħu jikkummentaw.

4. Meta l-Kummissjoni tkun infurmat lill-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, bis-sejbiet preliminari tagħha kif imsemmi fil-paragrafu (1), hija għandha tagħti aċċess, jekk tintalab tagħmel dan, għall-fajl tal-Kummissjoni skont it-termini ta' divulgazzjoni nnegozjata, soġġett għall-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom, jew sabiex jiġu ppreservati sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra ta' kwalunkwe persuna. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali u għal dokumenti interni tal-Kummissjoni jew tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. B'mod partikolari, id-dritt ta' aċċess ma għandux jestendi għall-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Xejn f'dan il-paragrafu ma

għandu jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tiddivulga u tuża l-informazzjoni neċessarja biex tagħti prova li jkun sar ksur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn l-artikoli tneħħew matul il-ħidma fuq ir-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon minħabba l-kontroversja li ħolqu u n-nuqqas ta' ħin biex issir ħidma fil-fond fuqhom. Bħalissa ninsabu fl-istess sitwazzjoni ta' urġenza. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jirrappreżentaw intervent estensiv fil-prerogattivi nazzjonali u fil-funzjonament tas-suq tad-difiża Ewropew - l-ebda waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet ma ġiet soġġetta għal proċedura ta' valutazzjoni tal-impatt (għalkemm l-istruttura tas-sigurtà tal-provvista ġiet oriġinarjament proposta mill-Kummissjoni fl-2023).

Emenda 1398
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 56	***imħassar***
Id-dritt li wieħed jinstema' għall-impożizzjoni ta' multi jew ta' pagamenti perjodiċi ta' penali	
1. Qabel ma tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 55, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, ikunu ngħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet dwar:	
(a) is-sejbiet preliminari li tkun għamlet il-Kummissjoni, inkluż kwalunkwe kwistjoni li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni tkun qajmet xi oġġezzjonijiet;	
(b) il-miżuri li l-Kummissjoni tista' tkun beħsiebha tieħu fid-dawl tas-sejbiet preliminari skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.	

2. L-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom għas-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni f'limitu ta' żmien li għandha tistabbilixxi l-Kummissjoni fis-sejbiet preliminari tagħha u li ma jistax ikun ta' inqas minn 14-il jum ta' xogħol.

3. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-impożizzjoni tagħha ta' multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, setgħu jikkummentaw.

4. Meta l-Kummissjoni tkun infurmat lill-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, bis-sejbiet preliminari tagħha kif imsemmi fil-paragrafu (1), hija għandha tagħti aċċess, jekk tintalab tagħmel dan, għall-fajl tal-Kummissjoni skont it-termini ta' divulgazzjoni nnegozjata, soġġett għall-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom, jew sabiex jiġu ppreservati sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra ta' kwalunkwe persuna. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali u għal dokumenti interni tal-Kummissjoni jew tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. B'mod partikolari, id-dritt ta' aċċess ma għandux jestendi għall-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tiddivulga u tuża l-informazzjoni neċessarja biex tagħti prova li jkun sar ksur.

Or. en

Emenda 1399

Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dritt li wieħed jinstema' għall-impożizzjoni ta' ***multi jew ta' pagamenti perjodiċi ta' penali***	Id-dritt li wieħed jinstema' għall-impożizzjoni ta' ***miżuri korrettivi***

Or. en

Emenda 1400
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-miżuri li l-Kummissjoni tista' tkun beħsiebha tieħu fid-dawl tas-sejbiet preliminari skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.	(b) il-miżuri li l-Kummissjoni tista' tkun beħsiebha tieħu***, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti,*** fid-dawl tas-sejbiet preliminari skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 1401
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-impożizzjoni tagħha ta' ***multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali*** biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, setgħu jikkummentaw.	3. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-impożizzjoni tagħha ta' ***miżuri korrettivi*** biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ikkonċernati, inkluż is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom, setgħu jikkummentaw.

Or. en

Emenda 1402
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu -57 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -57
	Skrutinju Parlamentari
	1. Il-Kummissjoni għandha żżomm livell għoli ta' informazzjoni u involviment tal-Parlament Ewropew, u meta rilevanti, tal-Parlamenti nazzjonali, biex tippermetti l-iskrutinju demokratiku meħtieġ u l-obbligu ta' rendikont fil-konfront taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari bil-għan li tiġi protetta l-aderenza mal-istandards etiċi Ewropej u r-rispett dovut tad-drittijiet fundamentali.
	2. Fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu IV, il-Kummissjoni għandha tiżgura livell ta' informazzjoni u involviment tal-Parlament Ewropew simili għal-livell ta' involviment tar-rappreżentanti tal-Istati Membri permezz tal-Bord tat-Thejjija Industrijali għad-Difiża, billi tibbaża fuq sistemi ta' skambju ta' komunikazzjoni siguri u tiżgura l-protezzjoni xierqa ta' informazzjoni sensittiva u klassifikata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 60 u 61. B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat f'kull stadju tal-istat ta' kriżi fil-provvista.
	3. Fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-Programm ta' Ħidma u

għandha tiżgura rappurtar annwali tal-attivitajiet implimentati f'dan il-qafas. Meta jkun xieraq, b'mod partikolari għall-SEAP u għall-EDPCI, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rilevanti għandhom jikkonsultaw u jinfurmaw lill-Parlamenti nazzjonali rilevanti dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni korrispondenti.

Or. en

Emenda 1403
François-Xavier Bellamy, Paulius Saudargas, Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1404
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1405
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bord ***tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża***	Bord ***għas-Sigurtà tal-Provvista fil-Qasam tad-Difiża***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-modifika jeħtieġ li tiġi riflessa tul it-test kollu biex tiġi żgurata koerenza.

Emenda 1406
Roberto Vannacci, Paolo Borchia

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bord ***tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża***	Bord ***għas-Sigurtà tal-Provvista fil-Qasam tad-Difiża*** *(din l-emenda għandha tapplika fit-test kollu)*

Or. en

Emenda 1407
Marion Maréchal, Stephen Nikola Bartulica, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1 Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża huwa b'dan stabbilit.	1 Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża***, fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża*** huwa b'dan stabbilit.

Or. fr

Emenda 1408
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ***tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża*** huwa b'dan stabbilit.	1. Il-Bord ***għas-Sigurtà tal-Provvista fil-Qasam tad-Difiża*** huwa b'dan stabbilit.

Or. en

Emenda 1409
Roberto Vannacci, Paolo Borchia

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord ***tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża*** huwa b'dan stabbilit***.***	1. Il-Bord ***għas-Sigurtà tal-Provvista fil-Qasam tad-Difiża*** huwa b'dan stabbilit***;***

Or. en

Emenda 1410
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont il-Kapitolu IV tiegħu [Sigurtà tal-Provvista].	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont il-Kapitolu IV tiegħu [Sigurtà tal-Provvista] ***u li jiżgura l-koerenza bejn l-istrumenti u l-azzjonijiet tal-UE u l-azzjonijiet tal-Istati Membri, fil-qasam tad-difiża, b'mod partikolari fi fil-PESCO, sabiex tintlaħaq il-prontezza tad-difiża tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1411
Roberto Vannacci, Paolo Borchia

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi ***pariri u*** rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, ***b'mod partikolari skont il-Kapitolu IV tiegħu [Sigurtà tal-Provvista]***.	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1412
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament***, b'mod partikolari skont il-Kapitolu IV tiegħu [Sigurtà tal-Provvista]***.	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1413
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa

li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont ***il-Kapitolu*** IV tiegħu [Sigurtà tal-Provvista].	li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont ***il-Kapitoli IIb EDPCIs u*** IV tiegħu [Sigurtà tal-Provvista].

Or. en

Emenda 1414
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont il-Kapitolu IV tiegħu [Sigurtà tal-Provvista].	2. Il-kompitu ġenerali tal-Bord huwa li jassisti u jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet ***lill-Kunsill u*** lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont il-Kapitolu IV tiegħu [Sigurtà tal-Provvista].

Or. en

Emenda 1415
Nathalie Loiseau, Ivars Ijabs, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Bart Groothuis, Marjan Šarec, Christophe Grudler, Lucia Yar, Michał Kobosko, Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Biex jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-Kapitolu II, il-Bord tat-Thejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti lil din tal-aħħar fl-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità ta' finanzjament, filwaqt li jqis il-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan tal-Iżvilupp	***imħassar***

tal-Kapaċitajiet.

Or. en

Emenda 1416
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Biex jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-Kapitolu II, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti lil din tal-aħħar fl-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità ta' finanzjament, filwaqt li jqis il-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet.	3. Biex jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-Kapitolu II, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti lil din tal-aħħar fl-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità ta' finanzjament, filwaqt li jqis il-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), b'mod partikolari fil-kuntest ***tal-White Paper, tal-Analiżi tal-Lakuni tal-Investiment fid-Difiża,*** tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet ***u l-proġetti mnedija fi ħdan il-kooperazzjoni strutturata permanenti***.

Or. en

Emenda 1417
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Biex jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-Kapitolu II, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti lil din tal-aħħar fl-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità ta' finanzjament, filwaqt li jqis il-	3. Biex jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-Kapitolu II, ***II u IIb*** il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti lil din tal-aħħar fl-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità ta' finanzjament, filwaqt li jqis

prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet.	il-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet.

Or. en

Emenda 1418
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Biex jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-Kapitolu II, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti lil din tal-aħħar fl-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità ta' finanzjament, ***filwaqt li jqis il-prijoritajiet*** tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet.	3. Biex jassisti ***lill-Kunsill u*** lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-Kapitolu II, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti lil din tal-aħħar fl-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità ta' finanzjament, ***b'segwitu tal-prijoritajiet*** tal-kapaċità tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet.

Or. en

Emenda 1419
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha żżomm fluss regolari ta' informazzjoni lill-Bord tat-Thejjija Industrijali għad-Difiża dwar kwalunkwe miżura ppjanata jew miżura li tkun ittieħdet b'rabta mal-attivazzjoni tal-	***imħassar***

istat ta' kriżi fil-provvista jew l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa permezz ta' sistema sigura tal-IT.

Or. en

Emenda 1420
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha żżomm fluss regolari ta' informazzjoni lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża dwar kwalunkwe miżura ppjanata jew miżura li tkun ittieħdet b'rabta mal-attivazzjoni tal-istat ta' kriżi fil-provvista ***jew l-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà***. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa permezz ta' sistema sigura tal-IT.	4. Il-Kummissjoni***, b'ħidma konġunta mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża,*** għandha żżomm fluss regolari ta' informazzjoni lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża dwar kwalunkwe miżura ppjanata jew miżura li tkun ittieħdet b'rabta mal-attivazzjoni tal-istat ta' kriżi fil-provvista. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa permezz ta' sistema sigura tal-IT.

Or. en

Emenda 1421
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jivvaluta b'mod regolari l-kapaċità ġenerali tal-EDTIB biex jirrispondi għall-evoluzzjoni mistennija tad-domanda tas-suq. Meta jagħmel dan, għandu jqis il-ħidma mwettqa fil-kuntest tal-laqgħat regolari

tad-Diretturi Nazzjonali tal-Armamenti mat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża.

Or. en

Emenda 1422
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-istat ta' kriżi fil-provvista kif imsemmi fl-Artikolu 44, il-Bord ta' Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti lill-Kummissjoni fil-kompiti li ġejjin:	***imħassar***
(a) l-analiżi ta' informazzjoni rilevanti għall-kriżijiet miġbura mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni;	
(b) il-valutazzjoni ta' jekk il-kriterji għall-attivazzjoni jew id-diżattivazzjoni tal-istat ta' kriżi fil-provvista ġewx issodisfati;	
(c) l-għoti ta' gwida dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri magħżula bħala rispons għall-kriżi fil-provvista fil-livell tal-Unjoni;	
(d) it-twettiq ta' rieżami tal-miżuri nazzjonali ta' kriżi;	
(e) l-iffaċilitar tal-iskambji u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, inkluż ma' korpi oħrajn rilevanti għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll, kif xieraq, ma' pajjiżi terzi, b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-pajjiżi fil-faża tal-iżvilupp, u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali.	

Or. en

Emenda 1423
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet tal-istat ta' kriżi fil-provvista kif imsemmi fl-Artikolu 44, il-Bord ta' Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti lill-Kummissjoni fil-kompiti li ġejjin:	5. Għall-finijiet tal-istat ta' kriżi fil-provvista kif imsemmi fl-Artikolu 44, il-Bord ta' Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jassisti ***u jipprovdi gwida*** lill-Kummissjoni fil-kompiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 1424
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***l-għoti ta' gwida*** dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri magħżula bħala rispons għall-kriżi fil-provvista fil-livell tal-Unjoni;	(c) dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri magħżula bħala rispons għall-kriżi fil-provvista fil-livell tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1425
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 5 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) evalwazzjoni tas-sejbiet tal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża fil-kuntest ta' miżuri skont l-Artikolu 52.

Or. en

Emenda 1426
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet tal-istat ta' kriżi fil-provvista relatat mas-sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu:	***imħassar***
(a) jiffaċilita l-azzjoni kkoordinata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri;	
(b) jadotta l-opinjonijiet u l-gwida, fosthom miżuri speċifiċi ta' rispons, biex l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet;	
(c) jassisti u jipprovdi gwida dwar l-attivazzjoni tal-miżuri kif imsemmi fl-Artikoli 49 sa 54;	
(d) jipprovdi forum għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, u ta' korpi rilevanti oħra tal-Unjoni.	

Or. en

Emenda 1427
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 6– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jadotta l-opinjonijiet u l-gwida, fosthom miżuri speċifiċi ta' rispons, biex l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet;	(b) jadotta l-opinjonijiet u l-gwida, fosthom miżuri speċifiċi ta' rispons, biex l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti rilevanti ***għad-difiża u*** għall-kriżijiet;

Or. en

Emenda 1428
Merja Kyllönen

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Is-segretarjat*** tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu ***jiġi żgurat mill-Kummissjoni***.	7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura s-segretarjat*** tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża***, li*** għandu ***jżomm djalogu regolari mar-rappreżentanti tal-industrija tad-difiża f'konformità mal-bilanċ ġeografiku***.

Or. fi

Emenda 1429
Michał Dworczyk, Adam Bielan

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-	7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. ***Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża***

Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.	***għandu jinkludi rappreżentanti tal-korpi tan-NATO rilevanti bħala osservaturi bi rwol konsultattiv.*** Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.
	Or. en

Emenda 1430
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.	7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża***, il-president tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea***, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni ***u mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża***.
	Or. en

Emenda 1431
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.	7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati***, kif ukoll rappreżentanti mill-Parlament u mill-Ukrajna bħala osservaturi***. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 1432
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut ***mill-Kummissjoni*** għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.	7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. ***Tal-inqas wieħed minnhom għandu jkun persunal militari.*** Il-Bord għandu jkun ippresedut ***mill-presidenza tal-Kunsill tal-UE*** għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 1433
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut ***mill-Kummissjoni*** għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.	7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni ***bħala osservaturi***, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut ***minn rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill*** għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 1434
Marion Maréchal, Stephen Nikola Bartulica, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7 Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut ***mill-Kummissjoni*** għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat ***mill-***	7 Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut ***mill-kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża*** għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu

Kummissjoni.	jiġi żgurat ***mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża***.

Or. fr

Emenda 1435
Elena Donazzan, Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Alberico Gambino, Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord ***tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża*** għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti ***tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati*** Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord ***tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża*** għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.	7. Il-Bord ***għas-Sigurtà tal-Provvista fil-Qasam tad-Difiża*** għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti ***tal-Istati*** Membri u l-pajjiżi assoċjati, ***tal-Kummissjoni, tar-Rappreżentant Għoli u tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża***. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord ***għas-Sigurtà tal-Provvista fil-Qasam tad-Difiża*** għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni. ***L-Istati Membri biss għandu jkollhom drittijiet tal-vot.***

Or. en

Emenda 1436
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ***ir-Rappreżentant Għoli u l-Kap*** tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-	7. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ***il-Kap*** tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Kull Stat

pajjiżi assoċjati. Kull Stat Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.

Membru jew pajjiż assoċjat għandu jinnomina rappreżentant u rappreżentant sostitut***. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jattendi bħala osservatur***. Il-Bord għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-segretarjat tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 1437
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiltaqa' kull meta s-sitwazzjoni tkun teżiġi dan, fuq talba tal-Kummissjoni, ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat. Għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi ta' proposta ppreżentata mill-Kummissjoni.	8. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiltaqa' ***b'mod regolari, mill-inqas kull tliet xhur, u*** kull meta s-sitwazzjoni tkun teżiġi dan, fuq talba tal-Kummissjoni, ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat. Għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi ta' proposta ***konġunta*** ppreżentata mill-Kummissjoni ***u mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża***.

Or. en

Emenda 1438
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiltaqa' kull meta s-sitwazzjoni tkun teżiġi dan, fuq talba ***tal-Kummissjoni,*** ta' Stat Membru jew ta'	8. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jiltaqa' kull meta s-sitwazzjoni tkun teżiġi dan, fuq talba ta' Stat Membru jew ta' pajjiż assoċjat.

pajjiż assoċjat. Għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi ta' proposta ppreżentata ***mill-Kummissjoni***.	Għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi ta' proposta ppreżentata ***mill-Kunsill***.

Or. en

Emenda 1439
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża jista' jagħti l-opinjonijiet tiegħu, fuq talba ***tal-Kummissjoni*** jew fuq inizjattiva tiegħu stess. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jagħmel ħiltu biex isib soluzzjonijiet li jkollhom l-akbar appoġġ possibbli.	9. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża jista' jagħti l-opinjonijiet tiegħu, fuq talba ***tal-Kunsill*** jew fuq inizjattiva tiegħu stess. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jagħmel ħiltu biex isib soluzzjonijiet li jkollhom l-akbar appoġġ possibbli.

Or. en

Emenda 1440
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu***, mill-inqas darba fis-sena, jistieden rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata (djalogu strutturat*** mal-industrija ***tad-difiża). Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 jew l-istat ta' kriżi fil-provvista tas-sigurtà msemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-***	10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu ***jżomm lura milli jistabbilixxi rabtiet diretti jew strutturali*** mal-industrija ***tal-armamenti, peress li dan jista' jwassal għal kunflitti ta' interess***

Difiża għandu jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.

Or. en

Emenda 1441
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Pilar del Castillo Vera, Antonio López-Istúriz White, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, mill-inqas darba fis-sena, jistieden rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata (djalogu strutturat mal-industrija tad-difiża). Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 jew l-istat ta' kriżi fil-provvista tas-sigurtà msemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.	10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, mill-inqas darba fis-sena, jistieden rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, ***li jiżgura l-involviment suffiċjenti tar-rappreżentanti tal-ekosistemi reġjonali u tan-Network Ewropew għar-Reġjuni tad-Difiża u*** filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata (djalogu strutturat mal-industrija tad-difiża). Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 jew l-istat ta' kriżi fil-provvista tas-sigurtà msemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.

Or. en

Emenda 1442
Michael Gahler

Proposta għal regolament

Artikolu 57 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, mill-inqas darba fis-sena, jistieden rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata (djalogu strutturat mal-industrija tad-difiża). Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 ***jew l-istat ta' kriżi fil-provvista tas-sigurtà msemmi fl-Artikolu 48***, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.	10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, mill-inqas darba fis-sena, jistieden***, diretturi tal-armamenti nazzjonali, rappreżentanti tan-NATO,*** rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata (djalogu strutturat mal-industrija tad-difiża). Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu ***44***, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden ***diretturi tal-armamenti nazzjonali u*** rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.

Or. en

Emenda 1443
Merja Kyllönen

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, ***mill-inqas darba fis-sena***, jistieden rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata (djalogu strutturat mal-industrija tad-difiża). Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 jew l-istat ta' kriżi fil-provvista tas-sigurtà msemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu	10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, jistieden ***b'mod regolari***, ***iżda mill-inqas darba fis-sena***, rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata (djalogu strutturat mal-industrija tad-difiża). Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 jew l-istat ta' kriżi fil-provvista tas-sigurtà msemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija

jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.	Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.

Or. fi

Emenda 1444
Pierre-Romain Thionnet

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, mill-inqas darba fis-sena, jistieden rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ***ġeografika*** bbilanċjata ***(djalogu strutturat mal-industrija*** tad-difiża***)***. Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 jew l-istat ta' kriżi fil-provvista tas-sigurtà msemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.	10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, mill-inqas darba fis-sena, jistieden rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ***tal-industrija*** tad-difiża. Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 jew l-istat ta' kriżi fil-provvista tas-sigurtà msemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.

Or. en

Emenda 1445
Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, mill-inqas darba fis-sena, jistieden rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata (djalogu strutturat mal-industrija tad-difiża). Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 jew l-istat ta' kriżi ***fil-provvista tas-sigurtà*** msemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.	10. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu, mill-inqas darba fis-sena, jistieden rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet Industrijali tad-Difiża Nazzjonali u rappreżentanti industrijali magħżula, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata (djalogu strutturat mal-industrija tad-difiża). Meta jkun ġie attivat l-istat ta' kriżi fil-provvista msemmi fl-Artikolu 44 jew l-istat ta' kriżi ***fis-sigurtà*** msemmi fl-Artikolu 48, il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentanti industrijali ta' livell għoli biex jiltaqgħu f'konfigurazzjoni speċjali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta ma' prodotti rilevanti għall-kriżijiet.

Or. en

Emenda 1446
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Pilar del Castillo Vera, Antonio López-Istúriz White, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden, tal-inqas darba f'sena, konfigurazzjoni speċjali ta' rappreżentanti tal-Kumitat tar-Reġjuni, sabiex jindirizza kwistjonijiet relatati mat-tħejjija industrijali u s-sigurtà tal-katina tal-provvista, oqsma prijoritarji għall-finanzjament u kwalunkwe kwistjoni ta' interess oħra, filwaqt li jqis ir-rwol tagħhom bħala intermedjarji b'rabtiet mas-settur industrijali fil-qasam ta' kompetenza tagħhom.

Or. en

Emenda 1447
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden lir-rappreżentanti ta' korpi rilevanti oħra għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni bħala osservaturi waqt il-laqgħat rilevanti tal-Bord.	11. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden lir-rappreżentanti ta' korpi rilevanti oħra għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni bħala osservaturi waqt il-laqgħat rilevanti tal-Bord. ***Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat. Jista' jinnomina wieħed mill-Membri tiegħu bħala osservatur ad personam fil-laqgħat tal-Bord. Jista' jinnomina wkoll Membru sostitut wieħed. Meta l-Membru jew il-Membru sostitut jattendi l-laqgħat tal-Bord, għandu jkun akkumpanjat minn membru tal-persunal wieħed tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew.***

Or. en

Emenda 1448
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden lir-rappreżentanti ta' korpi rilevanti oħra għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni bħala osservaturi waqt il-laqgħat rilevanti tal-Bord.	11. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden lir-rappreżentanti ta' korpi rilevanti oħra għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni bħala osservaturi waqt il-laqgħat rilevanti tal-Bord***, u rappreżentanti tal-Parlament Ewropew biex jattendu l-laqgħat kollha bħala osservaturi***.

Or. en

Emenda 1449
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentant mill-Ukrajna biex jattendi l-laqgħat bħala osservatur, meta rilevanti, u b'mod partikolari bil-ħsieb li jkun hemm azzjonijiet li jsaħħu d-DTIB tal-Ukrajna, f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu u b'rispett dovut għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1450
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentant mill-Ukrajna biex jattendi l-laqgħat bħala osservatur, meta rilevanti, ***u b'mod partikolari bil-ħsieb li jkun hemm azzjonijiet li jsaħħu d-DTIB tal-Ukrajna,*** f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu u b'rispett dovut għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.	12. Il-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża għandu jistieden rappreżentant mill-Ukrajna biex jattendi l-laqgħat bħala osservatur, meta rilevanti, f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu u b'rispett dovut għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

Or. ro

Emenda 1451

Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. ***Il-Kummissjoni*** għandha tiżgura t-trasparenza u tipprovdi aċċess ugwali lill-membri tal-Bord kollha għall-informazzjoni, sabiex tiżgura li l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet jirrifletti s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri kollha.	13. ***Il-Presidenza tal-Bord tat-Thejjija Industrijali għad-Difiża*** għandha tiżgura t-trasparenza u tipprovdi aċċess ugwali lill-membri tal-Bord kollha għall-informazzjoni, sabiex tiżgura li l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet jirrifletti s-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 1452
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq proposta tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi gruppi ta' ħidma fuq bażi ad hoc biex jappoġġaw lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża fil-ħidma tiegħu għall-fini li jeżamina kwistjonijiet speċifiċi abbażi tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw esperti għall-gruppi ta' ħidma.	14. Fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq proposta tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi gruppi ta' ħidma fuq bażi ad hoc biex jappoġġaw lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża fil-ħidma tiegħu għall-fini li jeżamina kwistjonijiet speċifiċi abbażi tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw esperti għall-gruppi ta' ħidma. ***L-esperti li jaġixxu skont l-istedina tal-Kummissjoni huma pprojbiti milli jkollhom kwalunkwe rabta kummerċjali jew interess fis-settur tad-difiża u jista' jkun li ma kellhomx tali rabtiet għal ħames snin qabel l-involviment tagħhom fil-Programm;***

Or. en

Emenda 1453
Pierre-Romain Thionnet, Sebastiaan Stöteler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. ***Fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq proposta tal-Bord*** tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża, ***il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi*** gruppi ta' ħidma fuq bażi ad hoc biex ***jappoġġaw lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża*** fil-ħidma tiegħu għall-fini li jeżamina kwistjonijiet speċifiċi abbażi tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw esperti għall-gruppi ta' ħidma.	14. ***Il-Bord*** tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża, ***jista' jistabbilixxi*** gruppi ta' ħidma fuq bażi ad hoc biex ***jiġi appoġġat*** fil-ħidma tiegħu għall-fini li jeżamina kwistjonijiet speċifiċi abbażi tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw esperti għall-gruppi ta' ħidma.

Or. en

Emenda 1454
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Fuq inizjattiva ***tagħha stess jew*** fuq proposta tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża, ***il-Kummissjoni tista'*** tistabbilixxi gruppi ta' ħidma fuq bażi ad hoc biex jappoġġaw lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża fil-ħidma tiegħu għall-fini li jeżamina kwistjonijiet speċifiċi abbażi tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw esperti għall-gruppi ta' ħidma.	14. ***Il-Kummissjoni tista',*** fuq inizjattiva ***konġunta b'ħidma mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, jew*** fuq proposta tal-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża, tistabbilixxi gruppi ta' ħidma fuq bażi ad hoc biex jappoġġaw lill-Bord tat-Tħejjija Industrijali għad-Difiża fil-ħidma tiegħu għall-fini li jeżamina kwistjonijiet speċifiċi abbażi tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw esperti għall-gruppi ta' ħidma.

Or. en

Emenda 1455

Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' ħidma dwar l-ostakli legali, regolatorji u amministrattivi. L-objettivi ta' dan il-grupp ta' ħidma huma:	***imħassar***
(a) l-identifikazzjoni ta' ostakli legali, regolatorji u amministrattivi eżistenti jew potenzjali fil-livelli internazzjonali, tal-UE u nazzjonali għall-kisba tal-objettivi elenkati fl-Artikolu 4;	
(b) l-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet potenzjali u/jew miżuri ta' mitigazzjoni għall-ostakli identifikati.	

Or. en

Emenda 1456
Lucia Annunziata, Giorgio Gori, Dario Nardella, Irene Tinagli, Elio Di Rupo, Brando Benifei, Annalisa Corrado, Sandro Ruotolo, Raffaele Topo, Cecilia Strada, Elisabeth Grossmann, Giuseppe Lupo, Daniel Attard, Pina Picierno

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011***, u se jinkludi wkoll ħames rappreżentanti mill-Parlament Ewropew***.

Or. en

Emenda 1457

Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-EDA għandha tiġi mistiedna tagħti l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha lill-kumitat bħala osservatur. Anke s-SEAE ***għandu jiġi mistieden jassisti*** fil-ħidma tal-kumitat.	2. L-EDA għandha tiġi mistiedna tagħti l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha lill-kumitat bħala osservatur. Anke s-SEAE***, u meta rilevanti, l-Ukrajna għandhom jiġu mistiedna jassistu*** fil-ħidma tal-kumitat.

Or. en

Emenda 1458
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-EDA għandha tiġi mistiedna tagħti l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha lill-kumitat bħala osservatur. Anke s-SEAE ***għandu jiġi mistieden jassisti*** fil-ħidma tal-kumitat.	2. L-EDA għandha tiġi mistiedna tagħti l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha lill-kumitat bħala osservatur. Anke s-SEAE ***u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu mistiedna jassistu*** fil-ħidma tal-kumitat.

Or. en

Emenda 1459
Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fuq talba tagħhom, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu jibagħtu osservaturi lill-kumitat.

Or. en

Emenda 1460
Roberto Vannacci

Proposta għal regolament
Artikolu 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. en

Emenda 1461
Roberto Vannacci

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim qafas mal-Ukrajna għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-Ukrajna jew l-entitajiet legali stabbiliti fl-Ukrajna li jirċievu fondi mill-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1462
András Gyürk, György Hölvényi

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim qafas mal-Ukrajna għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament li	1. Il-Kummissjoni***, wara konsultazzjoni suffiċjenti mal-Istati Membri,*** għandha tikkonkludi ftehim qafas mal-Ukrajna għall-implimentazzjoni tal-

jikkonċernaw l-Ukrajna jew l-entitajiet legali stabbiliti fl-Ukrajna li jirċievu fondi mill-Unjoni.	azzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-Ukrajna jew l-entitajiet legali stabbiliti fl-Ukrajna li jirċievu fondi mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 1463
Roberto Vannacci

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ftehim qafas konklużż mal-Ukrajna, fl-intier tiegħu, u l-kuntratti u l-ftehimiet iffirmati ma' entitajiet legali stabbiliti fl-Ukrajna li jirċievu fondi mill-Unjoni, għandhom jiżguraw li l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju jkunu jistgħu jiġu ssodisfati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1464
Roberto Vannacci

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-finanzjament għandu jingħata lill-Ukrajna biss wara li l-ftehim qafas ikun daħal fis-seħħ u wara li l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu implimentati r-rekwiżiti li jistabbilixxi jkunu ġew implimentati mill-partijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1465

Raphaël Glucksmann, Thijs Reuten, Tobias Cremer, Thomas Pellerin-Carlin, Elio Di Rupo, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-ftehim qafas għandu jiġi konkluż mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1466
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 59a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 59a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 18 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tmien snin minn [xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' tmien snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur**

qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 18 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 1467
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli sistemi eżistenti approvati u akkreditati biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati u, meta xieraq, mal-applikanti u r-riċevituri.	5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli sistemi eżistenti approvati u akkreditati biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati***, il-Parlament Ewropew*** u, meta xieraq, mal-applikanti u r-riċevituri.

Or. en

Emenda 1468
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tan-negozju u ta' informazzjoni sensittiva u klassifikata oħra miksuba u ġġenerata bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt nazzjonali rispettiv.	2. L-Istati Membri***, il-Parlament Ewropew***, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tan-negozju u ta' informazzjoni sensittiva u klassifikata oħra miksuba u ġġenerata bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt nazzjonali rispettiv.

Or. en

Emenda 1469
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u	3. L-Istati Membri***, il-Parlament***

r-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija għandhom jiżguraw li l-informazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata skont dan ir-Regolament ma tiġix degradata jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur.

Ewropew, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija għandhom jiżguraw li l-informazzjoni klassifikata pprovduta jew skambjata skont dan ir-Regolament ma tiġix degradata jew deklassifikata mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur.

Or. en

Emenda 1470
Tobias Cremer

Proposta għal regolament
Artikolu 64a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 64a
	Trasparenza
	Wara li tkun għażlet proġetti biex jingħataw finanzjament f'konformità mal-Artikolu 5(1), il-punt (a) u (b), il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-bażi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u r-raġunijiet għall-għażla tal-proġetti ffinanzjati.

Or. en

Emenda 1471
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Pilar del Castillo Vera, Antonio López-Istúriz White, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm jistgħu jikkontribwixxu għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' tixrid, avvenimenti ta' tlaqqigħ u attivitajiet ta'	4. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm jistgħu jikkontribwixxu għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' tixrid, avvenimenti ta' tlaqqigħ u attivitajiet ta'

sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari li jkunu maħsuba biex jiftħu l-ktajjen tal-provvista biex titrawwem il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs.	sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari li jkunu maħsuba biex jiftħu l-ktajjen tal-provvista biex titrawwem il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs. ***Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-programm FAST, li taħtu r-reġjuni se jkollhom rwol kritiku x'jaqdu biex jilħqu lill-SMEs fl-ekosistemi reġjonali tagħhom.***

Or. en

Emenda 1472
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ kontinwu tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm. Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza, id-data għandha wkoll tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod aċċessibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni skont l-aħħar aġġornament, b'mod partikolari b'informazzjoni dwar id-diversità ġeografika u l-kategorija tar-riċevituri.

Or. en

Emenda 1473
Hannah Neumann, Virginijus Sinkevičius
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 65a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 65a

Il-monitoraġġ tal-progress

1. Sa [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport, li jinkludi parametri referenzjarji indikattivi għal kull prodott tad-difiża ewlieni, bil-ħsieb li jintlaħqu l-parametri referenzjarji stabbiliti fl-Artikolu 2a għall-2035. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll status indikattiv u projezzjonijiet tal-kwalità u l-kwantità tal-ħażniet fir-riżerva tat-tħejjija industrijali għad-difiża.

Sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u mill-inqas kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-progress lejn il-parametri referenzjarji stabbiliti fl-Artikolu 2a, u tippubblika rapport li jagħti dettalji dwar l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva rigward il-firxa tal-progress tal-Unjoni biex jintlaħqu dawk il-parametri referenzjarji.

2. Meta, abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni aktarx ma tilħaqx l-għanijiet tal-Artikolu 2a, din għandha tivvaluta l-fattibbiltà u l-proporzjonalità li tipproponi miżuri sabiex tiżgura li jintlaħqu dawk l-għanijiet.

3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards Ewropej jew kisbiet Ewropej ta' standardizzazzjoni biex tappoġġa l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1474
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sat-30 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni għandha ***tfassal*** rapport li jevalwa l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-riżultati tagħhom, kif ukoll l-opportunità li testendi l-applikabbiltà tagħhom u tipprevedi l-finanzjament tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-kuntest tas-sigurtà u kwalunkwe riskju persistenti fir-rigward tal-provvista tal-prodotti tad-difiża. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jibni fuq il-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.	1. ***Kull tliet snin u għall-ewwel darba*** sat-30 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni għandha ***twettaq rieżami ta' dan ir-Regolament u tissottometti*** rapport ***dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;*** li jevalwa ***b'mod speċjali*** l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament***, speċjalment dwar l-implimentazzjoni tal-Kapitolu IV dwar is-Sigurtà tal-provvista,*** u r-riżultati tagħhom, kif ukoll l-opportunità li testendi l-applikabbiltà tagħhom u tipprevedi l-finanzjament tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-kuntest tas-sigurtà u kwalunkwe riskju persistenti fir-rigward tal-provvista tal-prodotti tad-difiża. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jibni fuq il-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri***, mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, meta rilevanti, mal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea*** u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.
	Or. en

Emenda 1475
Christian Ehler, Angelika Niebler, Oliver Schenk

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Mal-iskadenza u r-rieżami skedat tal-programm u l-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukraina fil-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-dispożizzjonijiet applikabbli għal dawn l-oqfsa, kif ukoll l-Artikoli 40-42, bil-ħsieb li tiġi stabbilita Unjoni Ewropea tad-Difiża. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida f'dan ir-rigward qabel l-iskadenza tal-programm u tal-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna, biex iddewwem u tadatta l-

miżuri mal-objettivi fit-tul tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1476
Michael Gahler

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bi proposti leġiżlattivi rilevanti mehmużin miegħu meta jkun meħtieġ.	2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport ***u r-rieżami*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bi proposti leġiżlattivi rilevanti mehmużin miegħu meta jkun meħtieġ.

Or. en

Emenda 1477
Irene Tinagli, Yannis Maniatis, Giorgio Gori, Dario Nardella, Nicola Zingaretti, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Artikolu 66a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 66a
	Rapport Annwali dwar Kontribuzzjonijiet nazzjonali tad-difiża
	Biex jiġi żgurat li l-isforzi tad-difiża nazzjonali u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji jallinjaw mal-objettivi tad-difiża kollettiva tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport annwali lill-Kummissjoni li jagħti dettalji dwar kif l-użu tal-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa u ż-żieda fin-nefqa tad-difiża attivata fl-ambitu tal-NEC jikkontribwixxu għall-objettivi tad-difiża Ewropea. Ir-rapport għandu jinkludi analiżi dwar kif dawn ir-riżorsi

nazzjonali qed javvanzaw l-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni għat-tħejjija għad-difiża, l-awtonomija u l-integrazzjoni teknoloġika. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dawn ir-rapporti biex tivvaluta l-effettività tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali fit-tishiħ tal-koordinazzjoni tal-isforzi tad-difiża fil-livell Ewropew u għandha tippreżenta evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, b'rakkomandazzjonijiet dwar it-tishiħ tal-koerenza u l-impatt tal-isforzi nazzjonali b'appoġġ tal-objettivi tad-difiża tal-UE.

Or. en